Vol 37
Nru 193
Lulju - Settembru 2016

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2016

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Il-Qabar ta' Kristu*

# Werrej



6



18



24



29


6 Storja tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa: Modus Vivendi Bejn il-Kustodja u l-Patrijarkat latin ta' Ġerusalemm

18 Il-mużika fil-bibbija

24 Kristu jwassal il-medjazzjoni tal-qassis fid-dinja

29 Sena tal-Ħniena – Sejħa għal qalb ġdida

34 Ġesu jfejjaq lil omm il-mara ta' Xmun (Mk 1:29-34

42 Ir-restawr tal-edikola tal-qabar ta' Kristu




34

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## Amministratur Appostoliku għal Ġerusalemm

Fl-24 ta' Ġunju 2016, Patri Pierbattista Pizzaballa ofm, li għadu kif temm il-mandat ta' Kustodju tal-Art Imqaddsa (2004-2016), ġie maħtur mill-Papa Franġisku bħala Amministratur Apostoliku *sede vacante* tal-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm u Arċisqof Titulari ta' Verbe. L-Arċisqof Pizzaballa hu s-suċċessur tal-Patrijarka Latin Fouad Twal (2008-2016), li kien it-tieni Patrijarka Għarbi (mill-Ġordanja) wara l-Patrijarka Michel Sabbah (1987-2008), Palestinjan minn Nazaret.

Pierbattista Pizzaballa twieled f'Cologno al Serio, djoċesi u provinċja ta' Bergamo, fil-21 ta' April 1965. Ġie edukat fis-seminarju minuri tal-Provinċja Franġiskana ta' Kristu Re, Bologna, mill-1976 sal-5 ta' Settembru 1984, meta daħal Franġiskan u beda n-novizzjat fil-kunvent ta' La Verna.

Hu għamel il-professjoni temporanja f'La Verna fis-7 ta' Settembru 1985, u l-professjoni solenni f'Bologna fl-14 ta' Ottubru 1989. Studja l-filosofija u t-teoloġija f'Bologna, fejn kiseb il-Baċċellerat fit-Teoloġija.

Fis-27 ta' Jannar 1990 ġie ordnat djaknu u fil-15 ta' Settembru 1990 presbiteru fil-kattidral ta' Bologna mill-Kardinal Giacomo Biffi.

Fis-7 ta' Ottubru 1990 mar fl-Art Imqaddsa, fejn għamel l-istudji ta' speċjalizzazzjoni fl-i*Studium Biblicum Franciscanum* ta' Ġerusalemm sal-1993. Sar professur tal-Ebrajk Bibliku fil-Fakultà Franġiskana ta' Xjenzi Bibliċi u Arkeoloġija ta' Ġerusalemm.

*...editorjal*

*Amministratur Appostoliku għal Ġerusalemm*



Beda s-servizz tiegħu fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa fit-2 ta' Lulju 1999. Fid-9 ta' Mejju 20 ġie nnominat Gwardjan tal-kunvent ta' San Xmun u Sant'Anna fil-belt il-ġdida ta' Ġerusalemm, fejn mexxa ċentru pastorali favur l-insara kattoliċi li jitkellmu l-Ebrajk. L-impenn tiegħu favur din il-komunità kien jinkludi traduzzjonijiet ta' testi liturġiċi bl-Ebrajk. Bejn l-2005 u l-2008 kien Vigarju Patrijarkali għall-komunità kattolika ta' espressjoni Ebrajka.

Fil-5 ta' Mejju 2004 id-Definitorju Ġenerali tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri għażel lil Pierbattista Pizzaballa bħala Kustodju tal-Art Imqaddsa u Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon u tal-Qabar ta' Kristu. Hu reġa' ġie elett għal din il-kariga fit-22 ta' Marzu 2010, u fl-2013 reġa' ġie elett b'mod eċċezzjonali permezz ta' postulazzjoni, hekk li għamel b'kollox 12-il sena bħala Kustodju tal-Art Imqaddsa, sal-20 ta' Mejju 2016 meta ġie elett Kustodju Patri Francesco Patton ofm.

Monsinjur Pierbattista Pizzaballa se jkun ikkonsagrat Isqof fil-kattidral ta' Bergamo fl-10 ta' Settembru 2016 mill-Kardinal Leonardo Sandri, Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Knejjes Orjentali, megħjun mill-Patrijarka Latin Emeritu ta' Ġerusalemm Fouad Twal u mill-Isqof ta' Bergamo Francesco Beschi.

L-Isqof Beschi kellu dan il-kumment x'jagħti lill-ġurnal *L'Avvenire*: "Jiena ferħan b'mod partikulari li naqsam din l-aħbar sabiħa. Aħna diġà nafu l-ħidma prezzjuża u twila ta' Patri Pierbattista fit-tmexxija tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, u naqsam il-profondità tal-apprezzament, tal-istima u tal-affett min-naħa tal-Knisja, tal-istituzzjonijiet ta' dawk il-Postijiet Qaddisa u ta' bosta komunitajiet u persuni. Il-kliem u l-azzjonijiet tiegħu f'dak ir-reġjun tad-dinja li hu hekk importanti u mħabbat huma mmarkati bis-sinjal tax-xhieda evanġelika, tal-kura għall-għaqda bejn l-insara, tal-promozzjoni ta' kull sforz ta' paċi. Rajnih dan l-aħħar impenjat kemm fiż-żjara tal-Papa fil-Postijiet Qaddisa, kif ukoll fil-preparazzjoni u t-twettieq tal-laqgħa tal-Papa mal-presidenti Shimon Peres u Abu Mazen. Issa l-Mulej, permezz tal-għażla tal-Papa li nirringrazzjawh mill-ġdid mill-qiegħ ta' qalbna, qiegħed isejjaħlu għal servizz imġedded u delikat għall-Knisja li tgħix ix-xhieda tal-fidi u l-ħajja tal-karità f'kuntesti diffiċli

u mimlijin tifsir għall-fidi tal-insara u għall-esperjenzi kbar reliġjużi tal-Ebrajiżmu u tal-Islam. Niżgurawlu t-talb tagħna, l-affett tagħna, il-viċinanza tagħna, u ninsabu partikolarment ferħanin tal-għażla tiegħu biex jiċċelebra fil-kattidral tagħna r-rit tal-Ordinazzjoni episkopali fl-10 ta' Settembru."

Il-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm jestendi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq l-insara kattoliċi tar-rit Latin f'Israel, Palestina, Ġordanja u Ċipru. Il-Patrijarkat twaqqaf oriġinarjament fl-1099 meta Ġerusalemm intrebħet mill-Kruċjati, u l-Patrijarka Biżantin (Ortodoss) kellu jaħrab u jmur Ċipru. Meta l-Kruċjati tkeċċew minn Ġerusalemm fl-1187 il-Patrijarka Latin mar joqgħod f'Akri, sakemm il-Kruċjati tkeċċew ukoll minn hemm fl-1291. Minn dak iż-żmien it-titlu ta' Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm baqa' jingħata imma l-Patrijarki qatt ma kienu residenti u Ġerusalemm reġgħet għaddiet f'idejn il-Patrijarki Biżantini u Griegi Ortodossi. Fl-1847 il-Papa Piju IX iddeċieda li jerġa' jwaqqaf il-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm fuq bażi residenti. Il-Patrijarki minn dak iż-żmien kienu Giuseppe Valerga (1847-1872), Giovanni Vincenzo Bracco (1872-1889), Luigi Piavi (1889-1905), Filippo Camassei (1906-1919), Luigi Barlassina (1920-1947), Alberto Gori ofm (1949-1970), Giacomo Giuseppe Beltritti (1970-1987), Michel Sabbah (1987-2008), Fouad Twal (2008-2016). F'din il-lista jirriżulta l-Patrijarka Alberto Gori, li kien ukoll Franġiskan u Kustodju tal-Art Imqaddsa qabel ma sar Patrijarka (22 ta' Frar 1937 – 21 ta' Novembru 1949).

Monsinjur Pierbattista Pizzaballa ntgħażel Amministratur Apostoliku *sede vacante* tal-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm. Mhux l-ewwel darba li kien hemm *sede vacante* u l-Papiet ipprovdew Amministraturi Apostoliċi fil-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm. Fil-prattika Monsinjur Pizzaballa jaġixxi bl-awtorità sħiħa ta' isqof djoċesan billi jamministra d-djoċesi patrijarkali ta' Ġerusalemm fl-istennija li l-Papa jaħtar il-Patrijarka Latin li jmiss. Il-Papa jista' jaħtar lill-istess Amministratur Apostoliku inkella xi persuna oħra. Din hi proċedura normali li sseħħ f'bosta djoċesijiet tad-dinja. Fil-każ ta' Ġerusalemm il-ħatra ta' Amministratur Apostoliku Taljan wara żewġ Patrijarki Għarab tidher bħala xi ħaġa eċċezzjonali, billi s-Santa Sede normalment tipprova taħtar isqfijiet tal-istess kultura tal-post li fih jamministraw id-djoċesi. Imma wieħed ma jridx jinsa l-preparazzjoni kbira ta' Monsinjur Pizzaballa kemm fl-inseriment tiegħu fir-realtà tal-Art Imqaddsa, fejn ilu jgħix għal 26 sena, kif ukoll fl-għarfien perfett tiegħu tal-lingwa Ebrajka u l-kapaċità tiegħu li jifhem u jaqra l-Għarbi, kif ukoll il-fatt li jitkellem l-Ingliż.

Monsinjur Pierbattista Pizzaballa ħa l-pussess uffiċjali tad-djoċesi Patrijarkali ta' Ġerusalemm nhar il-15 ta' Lulju 2016. Dakinhar hu wkoll sellem lil ħutu l-Franġiskani miġburin għall-Kapitlu Kustodjali fil-kunvent ta' San Salvatur.



# STORJA TAL-KUSTODJA TAL-ART IMQADDSA: MODUS VIVENDI BEJN IL-KUSTODJA U L-PATRIJARKAT LATIN TA' ĠERUSALEMM

**_Noel Muscat ofm_**

L-informazzjoni f'dawn is-sensiela ta' artikli ġbarniha mill-istudju ta':

PAOLO PIERACCINI, *Custodia di Terra Santa e Patriarcato Latino di Gerusalemme: nuove controversie giurisdizionali (1917-1923)*, Parte I, in *Frate Francesco*, anno 81, nuova serie, Apr. 2015, n. 1, 67-104.



*Ferdinando Diotallevi*

## Ir-reazzjoni tal-Franġiskani

Il-ministru ġeneral Serafino Cimino, li kien hu nnifsu Kustodju tal-Art Imqaddsa (1914-1915) ikkomunika d-deċiżjonijiet ta' *Propaganda Fide* b'sens ta' ubbidjenza, u ħeġġeġ lill-patrijiet tal-Kustodja biex ikunu ulied veri ta' San Franġisk u dejjem ubbidjenti għar-rieda tal-Knisja billi jgħixu bl-umiltà fis-santwarji u jkomplu d-dmirijiet normali tagħhom għall-ġid tal-missjoni.

Il-Kustodju, Ferdinando Diotallevi, esprima x-xewqa tiegħu li jkompli jaħdem għal spirtu ta' għaqda u ftehim mal-Patrijarka. Imma l-patrijiet ma kinux dejjem kuntenti. Fil-kunvent ta' San Salvatur kien hemm bosta protesti kontra l-Patrijarka Barlassina, għax dan kien qed jinjora l-proviżjonijiet tal-Breve *Inclytum Fratrum Minorum conditorem* tal-Papa Benedittu XV (4 ta' Ottubru 1918) u kien qed jaħtar persuni biex jiġbru fondi għall-Art Imqaddsa fl-istess postijiet fejn il-Kustodja kellha d-dritt li torganizza l-ġabra annwali għall-missjoni. Rigward is-santwarji, Barlassina kien qed jiddiskuti direttament mal-awtoritajiet Griegi Ortodossi mingħajr ma jikkonsulta mal-Kustodju, u bl-għajnuna tal-Konsolat Franċiż, u hekk kien qed joħloq problemi mal-awtoritajiet Ingliżi li kellhom il-mandat tal-Palestina.

Fid-djarju tiegħu Diotallevi jirrakkonta kif Barlassina kien indaħal b'mod mhux opportun f'tilwima bejn il-Kustodja u l-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm rigward il-bini tal-Bażilika tal-Agunija fil-Ġetsemani. B'dan il-ġest Barlassina għaraf lill-Griegi drittijiet fuq il-proprjetà u l-knisja tal-Ġetsemani, li huma qatt ma kellhom! Meta Diotallevi ipprova jintervjeni, Barlassina ċanfru talli aġixxa mingħajr il-kunsens tiegħu.

Diotallevi kien konxju li Barlassina ma kienx popolari mal-istess kleru tiegħu. Imma hu ma ażżardax imur direttament għand is-Segreterija tal-Istat fil-Vatikan, billi *Propaganda Fide* kienet immedjatament tindaħal u tipprotesta li hi kienet l-organu kompetenti li miegħu l-Kustodju ried jiddiskuti u mhux imur direttament għand is-Santa Sede. Fix-xena lokali Diotallevi kien l-unika persuna li l-awtoritajiet Ingliżi riedu jiddiskutu miegħu rigward is-Santwarji, u dan kollu kien qed joħloq sitwazzjoni imbarazzanti għalih quddiem *Propaganda Fide*, li kienet tippretendi li hu ried jikkonsultaha kull darba, u li l-Patrijarka kellu jkollu sehem fid-deċiżjonijiet li jittieħdu.

Diotallevi kien determinat fid-deċiżjoni tiegħu li ma kellux jabbanduna r-rikors lis-Santa Sede permezz tas-servizzi ġentili tal-Kardinal Oreste Giorgi, Protettur tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri. Diotallevi spjega li d-deċiżjoni li l-Patrijarka jingħata d-dritt ta' "viġilanza" fuq il-Postijiet Qaddisa u jħalli għall-Franġiskani l-kura materjali tas-Santwarji, u jesponihom għall-attakki tax-"xiżmatiċi", kienet l-akbar ġerħa li qatt sofriet il-Kustodja u l-Ordni tal-Patrijiet Minuri.

Id-determinazzjoni tal-Kustodju kellha effett doppju: mill-banda l-waħda



*Patrijarka Latin Luigi Barlassina*


*Papa Benedittu XV*

ħarrxet aktar ir-relazzjonijiet diffiċli tal-Franġiskani ma' *Propaganda Fide*, u mill-banda l-oħra tawlet l-isforzi tas-Santa Sede li tiddetermina r-relazzjonijiet bejn il-Patrijarkat u l-Kustodja.

Fil-25 ta' April 1921 Diotallevi kellu laqgħa bierda mal-Kardinal van Rossum, Prefett ta' *Propaganda Fide*. L-istess ġara ma' Camillo Laurenti, segretarju tal-Kongregazzjoni, li skont Diotallevi, kien il-kawża tan-nuqqas ta' simpatija ta' van Rossum kontra l-Kustodja. F'laqgħa oħra mal-Kardinal Michele Lega, Diotallevi pprotesta kontra Barlassina, u kellu s-sorpriża li jsir jaf li ħafna mill-protesti kontra l-Patrijarka kienu waslu quddiem is-Segretarju tal-Istat, u li Barlassina qatt ma kien imisshom bagħtuh bħala Patrijarka f'Ġerusalemm!

Diotallevi kien iffortunat li sab appoġġ minn ħafna kardinali u saħansitra mill-Papa Benedittu XV innifsu. Il-Kustodju talab lill-Papa biex jaċċetta d-dedika tal-ewwel volum tat-tieni serje tal-*Biblioteca bio-bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente francescano*, ħidma ta' Girolamo Golubovich. Il-Kustodju kellu udjenza privata ma' Benedittu XV fit-23 ta' April 1921, li fiha l-Papa tah il-libertà u l-fiduċja li jesprimi ruħu dwar il-preokkupazzjonijiet tiegħu. Diotallevi talab lill-Papa biex jikkoreġi d-deċiżjonijiet mhux għaqlin ta' *Propaganda Fide*. Il-Papa żgura lil Diotallevi li l-Franġiskani kellhom dejjem jibqgħu Kustodji tal-Postijiet Qaddisa. F'udjenza oħra li

tah fis-17 ta' Ġunju l-Papa qal lil Diotallevi li hu kien ġie infurmat rigward il-kontroversja bejn il-Patrijarkat u l-Kustodja, u li hu kien tal-opinjoni li kien meħtieġ *modus vivendi* bejn iż-żewġ istituzzjonijiet. Il-Papa ma aċċettax is-suġġeriment ta' Diotallevi li jaqleb id-deċiżjonijiet ta' *Propaganda Fide*, imma talab lill-Kustodju biex jippreżenta *memorandum* dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Kustodja u l-Patrijarkat.

Il-Kustodju reġa' lura fil-kurja ġeneralizja tal-Ordni u fi ftit jiem kiteb l-*memorandum*, li hu bagħat lil Benedittu XV, bl-għajnuna ġentili tal-Kardinal Giorgi. Fid-dokument hu ppreżenta deskrizzjoni twila tal-oriġini u d-drittijiet tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, u mbagħad kompla jispjega kif it-twaqqif mill-ġdid tal-Patrijarkat ta' Ġerusalemm kien wassal biex dan jitlob drittijiet li kienu ta' ħsara għall-istess Postijiet Qaddisa u għall-Kristjanità. Hu ppropona li l-Kustodja kellha tkun l-uniku organu li jħares il-Postijiet Qaddisa, taħt id-dipendenza diretta tas-Santa Sede, filwaqt li turi rispett lejn il-Patrijarka billi tikkonsultah qabel ma tieħu deċiżjonijiet. L-amministrazzjoni tal-Art Imqaddsa bħala missjoni kellha tibqa' esklużivament taħt il-kura tal-Kustodja. Il-kura pastorali tal-parroċċi Franġiskani fil-Patrijarkat kellha ġustament taqa' taħt it-tmexxija tal-Ordinarju, jiġifieri tal-Patrijarka Latin. Il-Franġiskani tal-Art Imqaddsa kellhom ikomplu jassistu lill-Patrijarka fiċ-ċelebrazzjonijiet pontifikali fil-Qabar ta' Kristu, f'Betleħem u fil-kon-kattidral tal-Isem Imqaddes f'Ġerusalemm. Il-Kustodja kellha tkompli tagħti 75 elf Frank kull sena lill-Patrijarkat. Il-kwestjonijiet dwar il-missjoni kellhom jaqgħu taħt il-kompetenza ta' *Propaganda Fide*, filwaqt li dawk li kellhom x'jaqsmu mal-awtoritajiet ċivili kellhom ikunu dmir tas-Segretarjat tal-Istat tal-Vatikan.



*Kardinal Oreste Giorgi*

Fl-istess ħin il-Papa kien talab lil *Propaganda Fide* biex tipprovdi wkoll *memorandum*, li fih kellha tesprimi l-veduti tagħha dwar *modus vivendi* mal-Kustodja. Id-dokument kellu jirċievi l-approvazzjoni tas-Santa Sede. Din l-azzjoni rrabbjat lill-Kardinal van Rossum, imma ma kellu l-ebda għażla ħlief dik li jitlob lil Diotallevi u lil Barlassina biex jipprovdu s-suġġerimenti tagħhom rigward il-*memorandum*. Diotallevi wieġeb mill-ewwel billi bagħat lil van Rossum l-istess *memorandum* li kien ipprepara għall-Papa.

## Il-kritika u l-proposti kuntrarji tal-Patrijarkat Latin

Meta Barlassina sar jaf bil-kontenut tal-*memorandum*


*Kardinal van Rossum*

ta' Diotallevi, hu mar jiġri Ruma biex jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu u jippreżenta l-*memorandum* tiegħu. Rigward it-talba li l-Kustodja tal-Postijiet Qaddisa titħalla biss f'idejn il-Franġiskani, Barlassina oġġezzjona li lanqas qabel id-deċiżjonijiet tal-14 ta' Ġunju 1920 l-Franġiskani ma kellhom id-dritt esklusiv ta' Kustodji. Id-digriet *Licet* tad-9 ta' Settembru 1851 kien stablixxa li l-kustodja tas-Santwarji kellha taqa' fil-kompetenza tal-"Patrijarka jew tar-Reliġjużi skont l-istruzzjonijiet mogħtija." Barlassina interpreta d-dispożizzjonijiet bħala li tawh id-dritt li jkun ir-rappreżentant dirett tas-Santa Sede fil-kontroversji rigward il-Postijiet Qaddisa, li kienu "patrimonju tal-Knisja universali", indipendentement mill-kongregazzjoni reliġjuża li kienet proprjetarja ta' dawn is-Santwarji. Barlassina kien ukoll irrabjat minħabba s-suġġeriment ta' Diotallevi li jikkonsulta lill-Patrijarka "f'materja importanti" qabel ma jieħu deċiżjoni, bħalli kieku l-Patrijarka kien sempliċement membru tad-Diskretorju Kustodjali!

Il-Patrijarka nnota li numru mhux ħażin ta' Santwarji importanti ma kinux f'idejn il-patrijiet tal-Kustodja. Il-Postijiet Qaddisa kellhom ikunu maqsumin fi tliet kategoriji: dawk li kienu jaqgħu fil-pussess tal-komunitajiet Kattoliċi ta' Rit Latin jew Orjentali (Franġiskani, White Fathers, Sorijiet ta' Sijon, Benedittini, Assunzjonisti, Dumnikani, Melkiti u Armeni Kattoliċi), u dawk li kienu "ta' pussess komuni", jiġifieri, s-Santwarji li kienu jaqgħu taħt l-i*Status Quo* (il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u dik tan-Nativitá f'Betleħem). Is-Santwarji tal-ewwel kategorija kienu eżenti minn kontroversji li setgħu jinteressaw awtoritajiet ċivili. Il-Patrijarka kellu jeżerċita potestà sħiħa fuq dawn is-Santwarji bħala rappreżentant tas-Santa Sede, inklużi fuq dawk is-Santwarji li kienu proprjetà tal-Kustodja (li, fil-verità, kienu l-maġġoranza tas-Santwarji). Il-komunitajiet reliġjużi kellhom kull waħda jipprovdu s-servizz reliġjuż biex jieħdu ħsieb dawn is-Santwarji. Rigward is-Santwarji tat-tieni kategorija l-Patrijarka wkoll kellu d-dmir li jara li jibqgħu f'idejn il-Knisja Kattolika u li ma jħallix lill-Insara mhux Kattoliċi jieħdu taħt idejhom dawk is-Santwarji li kienu f'idejn il-Musulmani. Il-Postijiet Qaddisa tat-tielet kategorija kienu kkaratterizzati minn serje ta' ftehim u użanzi, li l-Griegi u Armeni Ortodossi kienu

jippruvaw jaqilbuhom ta' taħt fuq f'kull mument. Rigward il-kontroversji li ta' spiss kienu jinbtu f'dawn is-Santwarji, l-Patrijarki rispettivi kellhom id-dritt li jintervjenu, u hu ma kienx jista' jifhem għaliex il-Patrijarka Latin kellu jibqa' eskluż min-negozjati u dawn isiru biss mill-Kustodju tal-Art Imqaddsa.

Barlassina kkonkluda l-*memorandum* billi nnota li l-*modus vivendi* kif propost mill-Patrijiet Minuri ma kien jinkludi l-ebda konċessjoni għall-Patrijarkat, u li d-dokument kellu l-intenzjoni li jipperpetwa s-"sitwazzjoni ta' transizzjoni" li kienet ilha teżisti għal 60 sena ħtija tal-oppożizzjoni tal-Franġiskani. Dan l-istat ta' transizzjoni kien qiegħed progressivament jieħu forma stabbli għad-detriment tal-awtorità tal-Patrijarka, li kien dejjem suġġett għal attakki, intrigi u gideb min-naħa tal-Patrijiet Minuri. Dawn kellhom jifhmu li l-mandat mogħti lilhom mis-Santa Sede kellu x'jaqsam ma' "żminijiet diffiċli",


*Kardinal Michele Lega*




u li issa dak il-patrimonju mħolli lilhom mill-Knisja kellu jingħata lura lill-Knisja malli din kellha titlobulhom lura.

Barlassina insista li hu, bħala Patrijarka, kien ir-rappreżentant tas-Santa Sede u l-Ordinarju tal-Postijiet Qaddisa. Il-fatt li l-Ingilterra kellha l-mandat fuq il-Palestina u li l-protettorati tal-qawwiet Kattoliċi tal-Ewropa (Italja, Spanja, Franza, Belġju) kienu qed imajnaw, kien urġenti li d-diversi komunitajiet Latini kellhom jaqgħu taħt direzzjoni u ġurisdizzjoni waħda, jiġifieri dik tal-Patrijarka Latin. Fil-fatt, il-Patrijarka Latin ma setax jiġi meqjus bħala inferjuri għall-Patrijarka Grieg u dak Armen, li waħedhom kellhom il-ġurisdizzjoni biex jitrattaw materji li kellhom x'jaqsmu mal-i*Status Quo* u kontroversji oħrajn.

## Il-proposti tal-Papa Piju XI

*Propaganda Fide* sabet ruħha f'diffikultà biex telabora *modus vivendi* ġust u ekwilibrat, għax quddiemha kellha *memoranda* li kienu konflittwali. Sadanittant Benedittu XV miet fit-22 ta' Jannar 1922. Il-Kustodju ħaseb li kienet ħaġa għaqlija li ma jitlifx żmien, u mill-ġdid għamel rikors lill-Kardinal Giorgi, u qal li kienu biss il-Franġiskani li kellhom għarfien dirett tad-dettalji u l-intriċċi tal-i*Status Quo*, mentri oħrajn setgħu jaħsbu li dawn kienu kwestjonijiet mingħajr importanza jekk mhux ukoll redikoli, għad-detriment tal-Knisja Kattolika fl-Art Imqaddsa.

Diotallevi pprotesta li, ta' spiss, il-Patrijarka u anke *Propaganda Fide* ma kinux jagħtu kas biex iwieġbu għat-talbiet tal-Kustodja. Eżempju kien dak tat-talba biex tinbena l-Knisja tal-Viżitazzjoni f'Ain Karem, li baqgħet bla tweġiba min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti.

Il-Kustodju ssuġġerixxa lill-Kardinal Giorgi biex jitkellem mal-Papa l-ġdid, Piju XI, dwar din il-kwestjoni u jara li *Propaganda Fide* ma tippubblikax *modus vivendi* ġdid li jkun ta' ħsara għall-interessi tal-Kustodja fis-Santwarji.

Meta Piju XI (1922-1939) ġie nfurmat b'dan hu ħa azzjoni immedjata biex isolvi l-kontroversja darba għal dejjem. Billi ra li ma kienx possibbli li ż-żewġ partijiet jiġu rrikonċiljati, hu ordna

li l-*modus vivendi* li kien xtaq il-predeċessur tiegħu kellu jiġi mħejji fl-uffiċċju privat tiegħu. Id-dokument kellu mbagħad jingħata lil Barlassina u Diotallevi biex jarawh, u hekk jaslu għal kompromess. Kellu jinkiteb skont il-prinċipji tal-liġi komuni u fi ftehim mad-dispożizzjonijiet partikulari tas-Santa Sede rigward il-Missjoni fil-Palestina, mhux esklużi d-deċiżjonijiet tal-14 ta' Ġunju 1920.

## L'udjenza li l-Papa Piju XI ta lil van Rossum (26 ta' Ġunju 1922)

Il-proġett fuq il-*modus vivendi*, li dwaru kienet ħadmet *Propaganda Fide* matul il-pontifikat ta' Benedittu XV, ġie ffinalizzat fis-sajf tal-1922. Ix-xogħol beda wara relazzjoni twila orali li van Rossum kien ta lill-Papa fis-26 ta' Ġunju 1922. Il-Prefett insista li l-ġurisdizzjoni tal-Kustodju tal-Art Imqaddsa, ħlief għal xi ftit privileġġi antiki, kien issa spiċċa żmienha, u din kienet titgawda biss mill-Patrijarka. L-istess soluzzjoni kellha tinstab rigward l-amministrazzjoni finanzjarja. L-unika problema taħraq li kien fadal kienet dik tal-Kustodja tas-Santwarji. Hu insista li, meta s-Santa Sede kienet reġgħet waqqfet il-Patrijarkat, kienet fehmet li din il-ġurisdizzjoni ekkleżjastika kellha taqa' taħt il-Patrijarka. Imma ma kinetx ippronunzjat ruħha dwar il-kwestjoni tal-kustodja u d-difiża tas-Santwarji. Il-Breve *Nulla celebrior* tat-23 ta' Lulju 1847 ma kienet qalet xejn dwar din il-kwestjoni.

Van Rossum ikkwota wkoll il-kliem ta' tifħir li l-aħħar erba' papiet kienu indirizzaw lill-Patrijiet Minuri fil-Kostituzzjoni Apostolika *Romani Pontifices* (1846), u fil-Brevi *Salvatoris* (1887), *Cum ad nos* (1912) u *Inclytum* (1918). Il-kontradizzjonijiet bejn dan l-aħħar dokument u d-deċiżjonijiet tal-kongregazzjoni ġenerali tal-14 ta' Ġunju 1920 dwar is-Santwarji kienet evidenti. Kien wasal iż-żmien li jiġu eliminati darba għal dejjem xi "dubji jew inċertezzi". Van Rossum kellu suġġeriment ċar: "jew nikkonfermaw għall-Franġiskani l-kustodja b'dawk il-limitazzjonijiet


P Girolamo Golubovich

li huma meħtieġa; inkella inneħħu minn idejhom il-kustodja b'mod espliċitu, kif diġà sar fil-każ tal-ġurisdizzjoni ekkleżjastika, u nħalluha f'idejn il-Patrijarka bħala r-rappreżentant tas-Santa Sede."

## Il-proġett ta' *Propaganda Fide*

Ma nafux x'kienet ir-reazzjoni tal-Papa għall-argumenti li ppreżentalu van Rossum. L-għada, l-uffiċjali tal-Kongregazzjoni bdew jelaboraw il-*modus vivendi* kif kien ordna l-Papa. Dan kien magħmul minn tliet kapitli: (1) ġurisdizzjoni ekkleżjastika (art. 1-4); (2) amministrazzjoni tal-fondi (art. 5-9); (3) il-kustodja u d-difiża tal-Postijiet Qaddisa (art. 10-15).

Rigward l-ewwel sezzjoni l-Kardinal Michele Lega afferma li l-Franġiskani ma kinux qed jopponu għall-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni min-naħa tal-Patrijarka, ukoll fil-każ tal-parroċċi u l-iskejjel li huma kienu jamministraw. L-unika ħaġa li huma riedu kienet li s-Santa Sede tagħraf il-privileġġi u l-eżenzjoni kanonika tagħhom mill-Ordinarju lokali, u l-privileġġi l-oħrajn li huma kienu kisbu tul is-sekli. Hu ssuġġerixxa li l-proviżjonijiet tal-Breve *Romani pontifices* tat-18 ta' Awwissu 1846 kellhom jiġu applikati, jiġifieri: "Ir-Regolari li jgħixu fil-missjonijiet għandhom jiġu ddikjarati eżenti mill-ġurisdizzjoni tal-Ordinarju, sakemm huma Regolari li jgħixu fil-kjostru, ħlief fil-każi li huma espliċitament imsemmija mil-liġi, u ġeneralment f'dawk il-ħwejjeġ kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kura tal-erwieħ u l-amministrazzjoni tas-sagramenti."

Il-*modus vivendi*, kif ippreżentat minn *Propaganda Fide*, kien dan li ġej:

Art. 1: "Il-Patrijiet Minuri tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa għandhom jagħrfu lill-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm il-ġurisdizzjoni ekkleżjastika sħiħa tiegħu, li hu jgawdi bi



*Grotta tan-Natività Betlehem*

dritt bħala Ordinarju lokali u Isqof residenti skont in-normi tal-liġi."

Art. 2: "Favur l-istess Patrijiet Minuri, id-drittijiet u l-privileġġi kollha li huma tagħhom bil-qawwa tal-eżenzjoni kanonika għandhom jibqgħu mhux mibdulin; dan japplika wkoll għall-kumplament tal-privileġġi partikulari li huma rċevew mill-istess Sede Apostolika, ukoll wara r-restawrazzjoni tal-Patrijarkat Latin, u li ġew irrikonoxxuti u kkonfermati sal-ġurnata tal-lum."

Art. 3: "Il-Patrijiet Minuri tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa għandhom jiddependu mix-xewqat tal-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm f'dawk il-kwestjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-gvern spiritwali tal-Patrijarkat għall-ġid tal-erwieħ, u huma għandhom joffru l-kollaborazzjoni kollha u l-għajnuna tagħhom f'din il-materja; bl-istess mod huma għandhom juru riverenza u qima f'dan ir-rigward."

Art. 4: "L-istess Patrijiet Minuri tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, mil-lum 'il quddiem għandhom ikomplu jagħtu assistenza lill-Patrijarka fil-funzjonijiet sagri li fuqhom hu jippresjiedi fil-Knisja tal-Isem Imqaddes ta' Ġesù, fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, u fil-Bażilika tan-Nativitá jew fil-Knisja ta' Santa Katerina."

Art. 5: "L-offerti kollha ta' flus favur l-Art Imqaddsa, kemm jekk jiġu mill-ġabra tal-Ġimgħa l-Kbira li ssir kull sena fid-djoċesijiet kollha skont l-ordni tas-Santa Sede, kif ukoll minn persuni individwali permezz tal-Kummissarjati tal-Art Imqaddsa kull fejn dawn jiffunzjonaw, għandhom jibqgħu taħt l-amministrazzjoni tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa tal-Patrijiet Minuri, u huma għandhom jiġu spezzjonati u approvati kull sena mis-Sagra Kongregazzjoni ta' *Propaganda Fide*."

Art. 6: "Rigward dik il-parti tal-offerti li l-Patrijiet Minuri tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa għandhom jagħtu ta' kull sena lill-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm, din għandha tammonta għal 75 elf Frank, li l-Patrijarka għandu jonfoq għall-bżonnijiet tal-Patrijarkat; rigward l-istess offerti, kif ukoll rigward offerti oħrajn li jirċievi l-Patrijarkat, il-Patrijarka għandu jagħti rendikont fi żmienu lis-Sagra Kongregazzjoni ta' *Propaganda Fide*."

Art. 7: "Il-Kustodju tal-Art Imqaddsa mad-Diskretorju tiegħu għandu l-fakultà li jagħmel użu ħieles mill-ġabra għall-bżonnijiet ordinarji tal-Kustodja u tas-Santwarji; imma hu jibqa' dejjem obbligat bil-qawwa li jagħti rendikont tal-ispejjeż kollha lis-Sagra Kongregazzjoni ta' *Propaganda Fide*. Jekk hi kwestjoni ta' spejjeż straordinarji, li jaqbżu s-somma ta' 20 elf Frank, hu obbligat li jitlob il-kunsens espliċitu tas-Sagra Kongregazzjoni ta' *Propaganda Fide*."

Art. 8: "Il-bżonnijiet oħrajn u l-ispejjeż straordinarji li l-Patrijarkat iqis li huma meħtieġa għat-tiswija tas-Santwarji l-oħrajn fil-Palestina, li ma jaqgħux taħt il-kura diretta tal-Kustodja, għandhom jitħallsu b'mod ekwu bl-użu tal-offerti miġburin mill-Kustodja rigward il-bżonnijiet imsemmija aktar 'il fuq, skont dak li s-Sagra Kongregazzjoni tiddeċiedi li tistabilixxi."

Art. 9: "Id-dritt tal-Patrijarka ta' Ġerusalemm li jikkonferixxi d-Dekorazzjonijiet jew l-Investitura tal-Ordni Militari tas-Santu Sepulkru jew it-Tarka tal-Art Imqaddsa hu kkonfermat, kif ukoll id-dritt tiegħu li jirċievi offerti għalihom favur il-Patrijarkat. F'dawn il-konċessjonijiet lill-Patrijarka n-numru (ta' dawk li huma dekorati) ma għandux ikun aktar minn dak li ġie stabilit mis-Sagra Kongregazzjoni ta' *Propaganda*. Rigward dħul ieħor tal-Patrijarkat, l-istess Sagra Kongregazzjoni għandha tkun infurmata u tagħti l-kunsens tagħha fi żmienu. Il-favur tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, rigward in-numru annwali ta' dekorazzjonijiet li l-Patrijarka jagħti liberament lill-benefatturi tagħha, għandu jinżamm l-istess kif inhu, skont it-talbiet li s-Sagra Kongregazzjoni ta' *Propaganda Fide* tirċievi għal din ir-raġuni, u li hi tippermetti skont il-ġudizzju prudenti tagħha."



*Papa Piju XI*

Art. 10: "Il-Patrijiet Minuri tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa għandhom jiġu kkonfermati fid-dritt tagħhom li jieħdu kura u jkunu Kustodji tal-Postijiet Qaddisa, li tħallew f'idejhom mill-Papiet għal bosta sekli, u hekk ukoll dan għandu jiġi kkonfermat għall-ġejjieni; l-eċċezzjoni għal din ir-regola huma dawk is-Santwarji li tħallew f'idejn il-preżenza ta' Istituti Reliġjużi oħrajn."

Art. 11: "Il-Franġiskani Minuri tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, li fil-kura tagħhom tħallew is-Santwarji, huma obbligati, kif diġà għamlu b'mod ta' min ifaħħru fil-passat, li jkunu attenti biex fil-ġejjieni huma jkomplu jkunu l-Kustodji ta' dawn is-Santwarji; huma għandhom jiddefenduhom mill-vjolenza ta' dawk li mhumiex Kattoliċi; huma għandhom jieħdu l-prekawzjonijiet kollha sabiex l-għedewwa tar-Reliġjon ma jkunux jistgħu jisirquhom billi jġibu raġunijiet legali għall-azzjonijiet tagħhom."

Art. 12: "F'każijiet ta' ħtieġa komuni u urġenti

l-Franġiskani Minuri tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa jistgħu jaġixxu b'mod dirett u immedjat (favur is-Santwarji); mhux biss, imma huma għandhom jagħmlu dan f'każ ta' periklu urġenti. Madankollu huma obbligati li jagħtu rendikont tal-azzjonijiet tagħhom lill-Patrijarka malli jkunu jistgħu jagħmlu dan."

Art. 13: "F'każijiet jew mumenti serji, u jekk ikun hemm ħin għad-dispożizzjoni, l-Kustodju tal-Art Imqaddsa, qabel ma jipproċedi, hu obbligat li jagħti widen lill-Patrijarka, u wkoll li jitlob il-parir tiegħu. Jekk huma ma jaqblux fid-deċiżjoni tagħhom, għandhom jagħmlu rikors lis-Sagra Kongregazzjoni ta' *Propaganda Fide*. F'każijiet ta' natura estrema u jekk ikun hemm sitwazzjoni ta' periklu imminenti, is-sentenza tal-Patrijarka għandha tieħu preċedenza."

Art. 14: "Meta tkun kwestjoni li jiddefendu s-Santwarji, u meta hu meħtieġ li l-Patrijarka u l-Kustodju jeżaminaw flimkien il-metodu li bih għandhom jaġixxu quddiem l-awtoritajiet ċivili, dan id-dmir għandu ordinarjament jaqa' fuq ir-responsabiltà tal-Patrijarka; f'każ li fih ikun aktar jaqbel li jaġixxi l-Kustodju, il-Patrijarka għandu bil-qalb kollha jċedi lilu dan id-dmir bil-fakultajiet u l-istruzzjonijiet meħtieġa."

Art. 15: "Rigward dak kollu li għandu x'jaqsam mar-restawr tas-Santwarji, il-Patrijiet Minuri, kif ukoll ir-Reliġjużi l-oħrajn għas-Santwarji li huma jamministraw, jistgħu jaġixxu b'libertà sħiħa, sakemm huma jkunu qed jagħmlu tiswijiet ordinarji u meħtieġa, kif diġà ingħad. Fil-każ ta' bini mill-ġdid (ta' Santwarji), li jġib miegħu l-infiq ta' somom enormi ta' flus, jew meta huma jridu jkabbru jew ibiddlu xi binja, huma għandhom jagħmlu rikors lis-Sagra Kongregazzjoni biex jakkwistaw il-kunsens tagħha."

Art. 16: "Il-bini mill-ġdid ta' Kappelli jew Oratorji jew Knejjes, minn issa 'l quddiem hu pprojbit, u jekk xi ħadd irid jibni dawn il-postijiet qaddisa għandu qabel jakkwista l-permess espliċitu tas-Sagra Kongregazzjoni ta' *Propaganda Fide*."

Art. 17: "Aħna nikkonfermaw l-Istruzzjoni li reċentement ġiet ikkomunikata minn din is-Sagra Kongregazzjoni, jiġifieri li s-Sagru Kunsill jipprojbixxi l-bini ta' Santwarji ġodda kull meta jidhirlu li ġew mikxufin postijiet ġodda awtentiċi, u li l-kult f'dawn il-postijiet hu permess biss jekk l-istess Kunsill iddikjara l-ġudizzju tiegħu fuq dawn l-istess postijiet, u s-sentenza tiegħu ġiet magħrufa bħala li tipprova l-awtentiċità tagħhom."

Art. 18: "Qabel ma jagħtu bidu għal kull negozjati li għandhom skop li jagħmlu talbiet formali fuq Santwarji li sa dan il-mument kienu miżmumin mill-Infidili, wieħed irid l-ewwel jakkwista l-kunsens tas-Sagra Kongregazzjoni, u wieħed irid jistenna l-istruzzjonijiet opportuni mill-istess Sagru Kunsill."



# IL-MUŻIKA FIL-BIBBIJA

*Fr Charles Buttigieg*

*“U smajt leħen mis-sema bħal-leħen tal-ilmijiet kotrana u bħall-ħoss ta’ ragħda qawwija u l-ħoss li smajt kien bħall-ħoss tad-daqqaqa tac-ċetri huma u jdoqqu ċ-ċetri tagħhom”*

*(Apokalissi 14:2)*

## Fl-Antik Testment

Il-mużika bil-kant, għanjiet, melodiji daqq u żfin hija lingwa universali tal-emozzjonijiet u s-sentimenti tal-qalb tal-bniedem u hija forma ta' komunikazzjoni. Il-Knisja wkoll tinkoraġixxi l-ministeru tal-kant fil-liturġija u tal-mużika sagra (ara t-*Tra Le Sollecitudini* ta' Piju X fl-1903, il-*Mediator Dei* ta' Piju XII fl-1947 u l-*Musicae Sacrae* ta' Piju XII fl-1955). Skont it-tradizzjoni rabbinika anke Alla nnifsu jħobb ikanta. Fil-fatt il-kelma 'salm' ġejja mill-Grieg *psalmos* li titraduci l-kelma Ebrajka *mizmor* li tfisser daqq jew għana bid-daqq (ara Salm 33:1 u Efesin 5:19). Fl-Ebrajk għandna kelma oħra li hija *tehillim* li tfisser 'tifħir' (ara Salm 150). Il-kelma Griega *psallo* tfisser 'iddoqq strument tal-kordi billi tiġbidhom'. Il-verb *lapap* ifisser 'tilgħab' bl-instrumenti tal-mużika. Il-kelma *halil* li tfisser 'ittaqqab' tirreferi għall-instrumenti tal-mużika bl-arja u bir-riħ. Minn din il-kelma *halil* insibu is-salmi tal-pellegrinaġġ, tal-kant Lhudi il-*halel* (minn hawn insibu l-kelma 'Hallelujah'). Ħamsa u ħamsin salm huma marbuta mal-mexxej tal-kant jew is-surmast tal-kor. Il-profeta Isaija f'6:3 ikollu d-dehra tas-serafini fuq it-tron ta' Alla ikantaw tliet darbiet qaddis lil Alla. Kliem ieħor fl-Ebrajk li nsibu: *jadah* (tfaħħar), *romam* (tifħir), *berakah* (barka), *rinnah* (ferh), *xir* (għanja) u fil-Grieg li nsibu: *umnos* (innu), *ainos* (tifħir), *epainos* (foħrija), *eulogia* (barka), *eksomologeo* (radd il-ħajr).

Fir-raba' kapitlu tal-ewwel ktieb tal-Bibbja diġà nsibu d-daqq tal-mużika b'rabta ma' Ġubal, li minnu ġejja l-kelma 'ġublew', li kien it-tifel ta' Lamek u Għada mil-linja ta' Kajjin, eżattament ħames ġenerazzjonijiet fuq Kajjin u sitt ġenerazzjonijiet minn Adam. Dan Ġubal kien missier dawk li jdoqqu l-kordi u s-sfafar (ara Ġenesi 4:20-21). Dan Ġubal kien jiġi hu Noè tal-arka. Il-Leviti wara saru kustodji tal-liturġija u għalhekk ukoll tal-mużika kollha marbuta magħha.





L-Eġizzjani, s-Sumeri u l-Babiloniżi wkoll kellhom l-istrumenti mużikali tagħhom. Jissemmew fil-Bibbja s-sfafar, bil-Grieg *syrinx*, kordi *neginah*, ċetri, arpa *kinnor* u *nevel*, salterju *pesanterin*, flawt *maxrogit*, mill-verb *xaraq* li jfisser 'tagħmel ħoss', bil-Grieg *aulos* (ara Matt 9:23), ċimbali *mezilayim*, *zilzalim*, *mezillot*, *selselim* (ara Neħ 12:27), il-qarn *qeren*, iż-żaqq *sumponeya*, żummara, utar, kordi, qniepen *paamon*, kitarra, mill-Grieg *kithara* u *qayteros* (ara wkoll Apokalissi 5;8 u 14:2), obwe, tanburlin, tnabar *tof* u *tabor*, trumbetti *hazozra*, bil-Grieg *salpinx*, (ara 1 Kor 14:8; Matt 6:2), ċnieċel, *menaaneim*, *minnim*, *meziltaim*, *sistrums*, *zither*, triangoli *sabk* u l-orgni. Dawn kienu jintużaw fid-diversi festi tal-Lhud, fit-tiġijiet, funerali u speċjalment dawk tal-ġublew *qeren yobel* fejn insibu l-famuża *shophar* il-qarn *qeren*, bl-Akkadiku *qarnu* tal-muntun selvaġġ *soferet hagħobelim* u l-festa tad-daqq tat-trombi li tikkomemora s-sena l-ġdida *Rosh Hashanah* u fil-*Yom Kippur* (ara Goswe 6:8-21).

Fl-Akkadiku nsibu l-kelma *tsafir* li tirreferi għall-mogħża partikulari. Ix-shofar li kienet tintuża fis-sinagogi





kienet tħabbar il-bidu tas-Sibt u tal-qamar il-ġdid. Tajjeb li ngħidu wkoll li l-poplu ta' Alla ċċelebra l-eżodu tiegħu mill-Eġittu bil-kant tal-Baħar tal-Qasab kif inisbu f'Eżodu 15:20. Tajjeb li ngħidu li n-noti, bl-Ebrajk *makam,* tal-mużika huma l-ġewwel sillabi li nsibu fl-ewwel salm tal-Bibbja. Il-ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet huwa fuq kollox marbut mal-kant ta' bejn il-maħbub u l-maħbuba tiegħu. Insibu diversi għanjiet marbuta mal-ġbir tal-għeneb u meta kienu jġiżżu l-annimali. Jingħad li l-komunità ta' Qumran li kienet tħaddan ħafna silenzju ma kinetx tagħmel użu minn strumenti mużikali. Innijiet Kristjani nsibuhom fl-*Odes of Solomon* tat-tieni seklu W.K. u f'San Efrem tas-Sirja (306-373).

## Ir-Re David

Ir-re David hu l-aktar personaġġ bibliku marbut mal-mużika. David minn Betleħem li kiteb diversi salmi huwa meqjus fil-Bibbja bħala mużiċista mill-aqwa. Kienet drawwa taż-żgħażagħ rgħajja li jdoqqu il-flawt magħmul mill-qasab waqt li kienu jirgħu n-nagħaġ. David kien magħruf ukoll li kien kapaċi jdoqq l-arpa li kien joqgħod ħafna jisimgħu r-re Sawl sabiex jikkonsla fid-dwejjaq tiegħu (ara 1 Samwel 16:18). Din l-arpa kienet żgħira u kienet proprjament il-lira *sabbeka.* Kienu diversi l-istrumenti tal-mużika li kienu jiġu użati fil-liturġija Lhudija u nsibu diversi ministrelli, jigifieri daqqaqa ta' dawn l-istrumenti mużikali (2 Kron 29:26).

Il-flawt kien użat ukoll fost l-Eġizzjani. Fl-ewwel ktieb tal-Kronaki nsibu l-koristi tat-tempju li kienu jgħoddu madwar 4000 ruħ maqsumin f'24 grupp. Hija però l-arpa l-istrument mużikali marbut mal-Lhud. L-għadira jew il-baħar tal-Gallileja li għandha forma ta' arpa tissejjaħ 'kinnereth' mill-kelma Ebrajka *kinnor* għall-arpa u dik Akkadika *kinnaru.* L-arpa hija msemmija fil-ktieb tal-Ġenesi, fiż-żewġ kotba ta' Samwel fil-Kronaki u fis-Salmi. L-użu tagħha

jmur saħansitra sa 2500 Q.K. L-arpa kienet tkun magħmula mill-injam tas-sandal kif insibu f'1 Slaten 10:11. Anke z-zokk tas-siġar taċ-ċipress kien jintuża għall-istrumenti mużikali. Il-kordi kienu magħmula mill-imsaren tan-ngħag. L-arpa kienet ukoll tissejjaħ *sheminith,* jiġifieri arpa bi tmien kordi (1 Sam 16:16). Kien hemm però l-arpa *asore* b'għaxar kordi fi żmien David. L-arpa kienet użata mil-Lhud biex jesprimu l-ferħ tagħhom, filwaqt il-Griegi kienu jużawha fin-niket tagħhom. L-Arka tal-patt fil-vjaġġi tagħha kienet dejjem akkumpanjata mid-daqq tal-arpa u ċ-ċimbali (ara 2 Samwel 6:5).

## Fil-Ġdid Testment

Meta twieled Ġesù f'Betleħem l-anġli li dehru lir-rgħajja bdew ifaħħru lil Alla bil-kant tal-glorja (ara Luqa 2:10-12). Id-daqq u żfin huma msemmija fil-parabbola tal-Iben il-Ħali f'Luqa 15:25. Huma msemmija wkoll fl-episodju li wassal għall-martirju tal-Battista f'Mark 6:22. Id-daqqaqa tal-flejguta huma msemmija fil-fejqan u l-qawmien tat-tifla tal-kap tas-sinagoga f'Mattew 9:23 u f'San Luqa: "Daqqejnielkom il-flejguta u ma żfintux" (Luqa 7:32). Il-knisja trionfanti hija deskritta b'dan il-mod bil-kant fl-Apokalissi: "U smajt leħen mis-sema bħal-leħen tal-ilmijiet kotrana u bħall-ħoss ta' ragħda qawwija u l-ħoss li smajt kien bħall-ħoss tad-daqqaqa taċ-ċetri huma u jdoqqu ċ-ċetri tagħhom" (Apokalissi 14:2). Ma ninsewx hawnhekk l-innijiet kardinali tal-Magnificat u tal-Benedictus.

Erodi kien jorganizza diversi okkażżjonijiet mużikali kif jgħidulna wkoll Filun u Josephus. Fl-Apokalissi naraw l-erba' kreaturi jkantaw (4:8), l-24 xiħ (4:11), l-anġli (5:12) u l-ġemgħa (7:6). Nagħlaq bi kwotazzjoni ta' Martin Luteru dwar il-mużika liturġika: "*I would like to see all the arts, especially music, used in the service of Him who gave and made them.*"






## Biblijografija

Barbiero, G., *Il regno di JHWH e del suo Messia: salmi scelti dal primo libro del Salterio*, Roma 2008.

Basadonna G., *Sui Fiumi di Babilonia*, L'Albero in fiore 3, Milano 1993.

Bundrick, S.D., *Music and image in Classical Athens*, New York 2005.

Costacurta B., *Con la Cetra e con la Fionda. L'ascesa di Davide verso il trono*, Roma 1994.

Finkle, A.L., *Easy guide to shofar sounding*, Los Angeles (CA) 2003.

Guthrie, S.T., "Singing, in the body and in the spirit", in *JETS* 46 (2003) 633-646.

Haik-Vantoura, S., *The Music of the Bible revealed*, Berkeley (CA) 1991.

Jones, I, "Musical instruments in the Bible", in *Anchor Bible Dictionary*, 4:930-934.

Keith, G., "Music in the Early Church", in *Review* 15 (2006) 51-80.

Liphschitz, N., "Cedars of Lebanon: Exploring the roots", in *Biblical Archaeology Review* (May/June 2013).

Mitchell, T.C., "The Music of the Old Testament reconsidered", in *Palestine Exploration Quarterly* 124 (1992) 124-143.

Mitchell, T.C. – Joyce, C., "The Musical Instruments in Nebuchadnezzar's Orchestra," in D. J. Wiseman (ed.), *Notes on Some Problems in the Book of Daniel*, London 1965,19-27.

Monti Amoroso F., *Salmi, Tehillim. Un canto ogni giorno, un canto per ogni giorno*, Milano 1999.

Sendrey, A., *Music in Ancient Israel*, New York 1969.



# KRISTU JWASSAL IL-MEDJAZZJONI TAL-QASSIS FID-DINJA

*Mons Lawrenz Sciberras*

Il-qassis ordnat huwa sagrament tas-saċerdozju ta' Kristu u tal-medjazzjoni saċerdotali ta' Kristu. Permezz tal-isqfijiet u tal-qassisin, Kristu jwassal preżenti s-saċerdozju tiegħu u jagħmlu preżenti bħala mezz ta' medjazzjoni tal-patt il-ġdid; mhux biss imma jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' kulħadd il-qalb proprja tiegħu, qalb ħelwa u umli.

## Rapport mill-qrib

Il-qassis ordnat għandu rapport l-aktar mill-qrib u profond mall-qalb ta' Kristu. Kristu medjatur tal-Patt il-Ġdid iħaddem il-medjazzjoni tiegħu mibnija fuq il-qalb ta' Ġesù, u dan permezz tal-"ministri tal-Patt il-Ġdid" (ara 2 Kor 3,6). Kristu r-Ragħaj it-Tajjeb li mexxa l-imħabba tiegħu u ta ħajtu għan-nagħġa l-mitlufa, għadu jieħu kura tal-merħla permezz tar-rgħajja tal-Knisja, u li dawn jissejħu biex "jirgħu l-merħla ta' Alla" (1 Pt 5,2). L-istess ħsieb għandu San Pawl f'Atti 20,28. "Ħudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa tagħha biex tirgħu l-Knisja ta' Alla li hu kiseb b'demmu stess."

Is-saċerdozju bħas-sagramenti l-oħra huwa ħolqien straordinarju ta' Kristu, espressjoni ħajja ta' mħabbtu. Naturalment, is-sagrament l-aktar importanti huwa l-Ewkaristija, imma l-Ewkaristija mhix possibbli mingħajr is-saċerdot. Fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika ma hemmx biss il-ġisem u d-demm ta' Kristu, imma hemm ukoll il-preżenza sagramentali ta' Kristu, u dan grazzi għall-preżenza tas-saċerdot. Dan huwa tassew motiv ta' meravilja u stagħġib. Li tara li Kristu ħalaq din il-preżenza tiegħu sagramentali mhux biss f'oġġetti u sustanzi, imma wkoll fil-persuna tas-saċerdot, wkoll jekk dan ikun inden.

Biex ikun sagrament ta' Kristu saċerdot, l-isqof, u l-presbiteru għandu jkun magħqud mal-qalb ta' Kristu fiż-żewġ dimensjonijiet fundamentali: (a) il-ħlewwa lejn Alla, (b) il-ħniena lejn il-bnedmin. Għandu jkollu qalb ta' iben lejn Alla Missier u qalb tal-aħwa lejn il-bnedmin. Fil-medjazzjoni saċerdotali dan għandu x'jaqsam li jqiegħed f'relazzjoni mal-poplu ta' Alla. Għalhekk għal medjatur, għandu jkun hemm relazzjoni tajba. Ġesù qal espressament li għandu "qalbu ħelwa u umli" (Mt 11,29). Qalb umli jfisser qalb tajba lejn Alla, ta' iben, li tasal sal-ubbidjenza tas-salib. Qalb ħelwa jiġifieri ta' aħwa u waħda li tħenn u tagħder.

Meta Ġesù ddefinixxa l-qalb tiegħu bħala waħda ħelwa u umli Ġesù kien qed imiss iż-żewġ aspetti tal-medjazzjoni saċerdotali, qed juri li l-qalb tiegħu hija qalb saċerdotali, u li tgħaqqad ir-relazzjoni bejn Alla fl-umanità u r-relazzjoni mal-aħwa fil-ħlewwa. Meta l-ittra lil-Lhud



tiddefinixxi l-qassis, hija tesprimi l-kontenut ta' dawn iż-żewġ kwalitajiet essenzjali: ll-ħlewwa tal-qalb quddiem Alla fil-ħlewwa profonda (Lhud 5,4-5) flimkien mal-ħlewwa tal-qalb lejn il-bnedmin fil-ħniena (Lhud 5,2).

Il-qalb filjali ta' Kristu dehret qabelxejn fl-agunija fil-Ġetsemani, hemm wieħed jinduna sa liema waqt Ġesù kien doċli lejn il-Missier, b'imħabba mmensa. "Missier, jekk inti trid, warrab minni dan il-kalċi! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi" (Lq 22,42). Il-qalb fraterna ta' Kristu dehret fuq kollox fit-twaqqif tal-Ewkaristija, meta Ġesù ta lilu nnifsu bħala ikel f'għaqda fraterna. Però mhux possibbli li wieħed jagħmel għażla bejn dawn iż-żewġ aspetti. Fl-agunija, Ġesù wera lilu nnifsu bħala "ħuna", u dan għaliex ħa fuqu nnifsu l-miżerja kollha tagħna" (Lhud 2,17). Fl-Ewkaristija Ġesù wera li huwa wkoll "Iben" li jirringrazzja l-Missier. Il-qalb tas-saċerdot tiġi definita mill-għaqda bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet. Il-ħlewwa tal-iben u l-ħniena tal-aħwa. Ġesù ried jingħaqad mal-appostli f'dawn iż-żewġ relazzjonijiet fundamentali ta' qalbu.

Dwar ir-relazzjoni mal-Missier naraw l-insistenza ta' Ġesù meta jgħid li huwa ġie mhux biex jagħmel ir-rieda tiegħu imma r-rieda tal-Missier (Ġw 5,30; 6,38). Naraw kemm Ġesù ried li jgħaqqad l-appostli ma' din id-dispożizzjoni ta' ħlewwa sħiħa. Narawh fl-agunija, meta talab mill-appostli biex jishru miegħu: "Ishru u itolbu" (Mt 26,41).

Ġesù kien magħqud ma' Alla Missieru. L-għajta " ... tkun magħmula r-rieda tiegħek." (Mt 26,42) mhix espressjoni ta' rassenjazzjoni, imma ta' mħabba filjali". Min-naħa l-oħra Ġesù ried jgħaqqad miegħu lill-appostli mal-qalb tiegħu ta' ħniena lejn il-midinbin. Dan jidher ta' spiss fil-Vanġelu u b'mod



partikulari fis-sejħa ta' Mattew. Mattew kien meqjus pubblikan. Ġesù wera miegħu u għalih il-ħniena sorprendenti, meta qallu: "Ejja warajja" (Mt 9,9). Dan kien unur straordinarju tassew għaliex mhux biss Ġesù ħares lejh u ra bniedem li jsalvah imma wkoll bħala kooperatur miegħu – appostlu u xandar.

Dritt wara jidher sew li s-sejħa ta' Mattew hija l-okkażjoni biex l-appostlu hu wkoll jibda jkun ħanin mal-midinbin, u li d-dixxipli ta' Ġesù għandhom ikunu nies ta' ħniena. Mattew organizza ikla ma' sħabu l-pubblikani. Dan qajjem il-kritika tal-Fariżej li qalu lid-dixxipli: "Dan għaliex l-imgħallem tagħkom jiekol mal-pubblikani u l-midinbin?" Ġesù jagħmel referenza għall-profezija ta' Hosegħa: "Mela morru tgħallmu x'jiġifieri, ħniena rrid, u mhux sagrifiċċju; għax mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin" (Mt 9,13). Hekk l-appostli huma assoċjati mal-moviment tal-ħniena tal-qalb ta' Kristu sa mis-sejħa tagħhom. Il-kult tal-qdusija minn barra issa spiċċa; wieħed ifittex il-qdusija fil-movimenti ta' ħniena lejn l-aħwa fil-ħlewwa mimlija mħabba lejn il-Missier.

## It-tliet dimensjonijiet

Is-saċerdozju ta' Kristu jqiegħed flimkien it-tliet dimensjonijiet li jikkorrispondu mat-tliet uffiċċi; profeta, qassis, sultan. Dan kollu jiġi nkwadrat sew mal-ittra lil-Lhud dwar is-saċerdozju ta' Kristu. Dan għaliex (a) Kristu ħafna aħjar mill-profeti jwassal il-Kelma ta' Alla. Huwa għallem kullimkien u quddiem kulħadd. Hekk wieġeb Ġesù lil Anna (Ġw 18,20). Alla kellimna b'Ibnu; issa l-Kelma ta' Alla, taslilna permezz ta' Kristu. Dan huwa aspett fundamentali tas-saċerdozju tiegħu li jgħallem. (b) Bħala qassis, Kristu qaddisna billi jikkomunika lilna l-ħajja divina. Ġesù għamel dan għaliex kien huwa stess il-vittma li miet fuq il-Kalvarju. (c) Bħala sultan, Kristu jiggverna l-Knisja u jassiguraha l-għaqda sħiħa. Dan jidher fid-diskors tiegħu dwar il-dielja u li jekk il-fergħa tkun maqtugħa minnu allura tinxef u tmut (Ġw 15).

Dawn huma it-tliet ħidmiet li għandhom x'jaqsmu mas-saċerdozju ta' Kristu l-Qassis il-Kbir. Dawn il-ħidmiet jiġu kkomunikati lis-saċerdozju ordnat. Dan imbagħad min-naħa tiegħu għandu jwassal il-Kelma ta' Alla, iwassal il-ħajja divina permezz tas-sagramenti, u jassigura l-għaqda, billi jiggverna l-poplu ta' Alla.

Mill-Vanġelu stess wieħed jintebaħ kemm Ġesù ried jgħaqqad l-appostli mal-Qalb tiegħu. F'Mark naraw kemm fit-twettiq ta' dawn it-tliet missjonijiet saċerdotali, Ġesù ried jassoċja l-appostli mal-qalb tiegħu. Hawn Ġesù wera ħniena meta ra s-sitwazzjoni tan-nies. Dan l-aspett tal-ħniena huwa l-għajn tal-attività kollha: "Morru mela agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu" (Mt 28,19). Dan



kollu għalhekk għandu jkun preżenti fit-tagħlim tal-qassisin u tal-isqfijiet. Wieħed ma jista qatt jipproklama l-Kelma ta' Alla jekk mhux f'għaqda mal-qalb ta' Ġesù, mal-kompassjoni ta' Ġesù u mal-ħniena tiegħu.

## Jikkomunika l-ħniena

It-tieni responsabiltà hija li s-saċerdot jikkomunika lin-nies il-ħajja divina. Dan jidher sew mill-Vanġelu fl-episodju tat-tqassim tal-ħobż. Kien fl-għasar, l-appostli talbu lil Ġesù biex jibgħathom lin-nies, ħalli dawn imorru fl-irħula tal-qrib u hekk jixtru l-ħobż u jieklu. Imma Ġesù weġibhom hekk : "Mhux sewwa li jmorru; agħtuhom intom stess x'jieklu." (Mt 14,16). Il-kompitu biex jgħaddu l-ħajja ġie mogħti lill-appostli. Ġesù wera ħniena għan-nies li kien hemm ir-riskju li jħosshom ħażin matul it-triq. Għalhekk qabad u għamel il-miraklu. Ġesù ta l-ħobż lid-dixxipli biex iqassmuhom huma (Mk 8,1-6). Hekk Ġesù sieħeb miegħu lid-dixxipli fl-atteġġjament tal-imħabba li ried jikkomunika - il-ħajja. Dawn ix-xeni huma prefigurazzjoni tar-rigal tal-Ewkaristija.

Fl-Aħħar Ċena Ġesù qiegħed f'idejn l-appostli, wara lill-isqfijiet u lill-presbiteri, il-ġisem tiegħu flimkien mad-demm tiegħu, sabiex dawn ikunu jistgħu jqassmu lin-nies kollha l-ħajja divina. Dan isir grazzi għall-ħniena tal-qalb tiegħu. Huwa att evidenti li l-Ewkaristija hija r-rigal straordinarju tal-qalb ta' Ġesù. Ġesù qiegħed il-qalb tiegħu għad-dispożizzjoni sħiħa tal-qassisin, bil-missjoni nobbli li "jqassmu" din il-qalb bħalma jagħmlu mill-ħobż. Ġesù tana l-qalb tiegħu, sabiex il-qassisin ikunu jistgħu jagħtuha lill-oħrajn. Fil-fatt il-ħajja Kristjana tikkonsisti filli wieħed jirċievi fih innifsu l-qalb ta' Ġesù.



# SENA TAL-ĦNIENA SEJĦA GĦAL QALB ĠDIDA

***Fr Marcello Ghirlando***

Is-Sena tal-Ġublew tal-Ħniena li qed niċċelebraw matul din is-sena mexxietna biex niċċelebraw b'mod partikulari s-Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, għajn tal-ħniena infinita ta' Alla li tidher fil-persuna kollha ta' Ġesù Kristu. Sewwa li din ċ-ċelebrazzjoni tkun mdawla bi ftit riflessjonijiet bibliċi li se naqsam magħkom f'dan l-artiklu.



Is-silta sabiħa li nsibu f'Eżekjel tista' ddawwal ir-riflessjoni tagħna: *"Neħodkom minn fost il-ġnus u niġmagħkom mill-artijiet kollha, u nerġa' ndaħħalkom f'artkom. U nroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollu tagħkom; mill-idoli kollha tagħkom insaffikom. U nagħtikom qalb ġdida, u ruħ ġdida nqiegħed ġo fikom; u nneħħi minn ġisimkom il-qalb tal-ġebel u nagħtikom qalb tal-laħam flokha. U nqiegħed ruħi ġo fikom, u nagħmel li timxu skont il-kmandamenti tiegħi u tħarsuhom"* (Eżek 36:24-27).

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù: mhux biss hi okkażjoni biex nikkontemplaw il-kobor immens tal-imħabba ta' Alla li tidher fil-qalb ta' Ġesù imma wkoll ċelebrazzjoni ta' misteru tremend ta' mħabba u ħniena. Alla jixtieq iroxxna b'ilma safi, jixtieq jagħtina qalb ġdida, ruħ ġdida; qalb ġdida tal-laħam li mhijiex għajr l-istess qalb imqaddsa ta' Kristu Ġesù Ibnu.

*"U nroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollu tagħkom; mill-idoli kollha tagħkom insaffikom. U nagħtikom qalb ġdida, u ruħ ġdida nqiegħed ġo fikom; u nneħħi minn ġisimkom il-qalb tal-ġebel u nagħtikom qalb tal-laħam flokha".*

X'inhu l-kuntest vitali ta' din il-kelma qawwija ta' Eżekjel? Hu kien profeta li ħadem waqt l-eżilju kiefer f'Babel, eżilju meqjus b'kastig għall-qalb iebsa tal-poplu. L-eżilju jsir żmien ta' qtigħ il-qalb, żmien li fih il-poplu jagħmel esperjenza ta' sens ta' abbandun, twebbis tal-qalb li jneħħi l-għanja tal-imħabba mill-qalb u l-fomm tal-poplu l-magħżul, kif fil-fatt ikanta s-salmista:

*"F'xatt ix-xmajjar ta' Babilonja hemm qgħadna bilqiegħda u bkejna, aħna u niftakru f'Sijon. Mas-siġar tal-luq tagħha dendilna ċ-ċetri tagħna. Għax hemm, dawk li jassruna, talbuna ngħannulhom xi għanja; dawk li hemm għakksuna stennew minna għana ta' ferħ: Għannulna mill-għana*

*ta' Sijon. Kif nistgħu ngħannu l-għana tal-Mulej f'art barranija?*" (Salm 137:1-4).

Tassew li l-eżilju kien esperjenza ta' twebbis tal-qalb, dik li l-Iskrittura ssejjaħ '*sklerokardia*': twebbis tal-qalb frott l-idolatrija, esperjenza tal-għeluq tal-qalb għal Alla, widnejn torox għall-kelma ta' Alla, ribelljoni, infedeltà,meta l-poplu jdur fuqu nnifsu u ma jinfetaħx għall-aġir ta' Alla kien verament twebbis il-qalb għal Alla li jġib b'konsegwenza loġika, twebbis tal-qalb lejn il-bnedmin l-oħra. Hu f'dan il-kuntest li Eżekjel itenni l-kelma ta' kuraġġ tiegħu f'isem Alla nnifsu:

"*U nroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollu tagħkom; mill-idoli kollha tagħkom insaffikom. U nagħtikom qalb ġdida, u ruħ ġdida nqiegħed ġo fikom; u nneħħi minn ġisimkom il-qalb tal-ġebel u nagħtikom qalb tal-laħam flokha*".

Alla biss jista' jfejjaq il-poplu tiegħu, billi jiġri warajh, jikxef il-qalb kbira tiegħu, mimlija mħabba għall-poplu u jerġa' jmiss il-qalb iebsa tal-poplu biex irattabha bil-qawwa tal-ħniena, tal-maħfra u tal-imħabba fidila tiegħu. Dan kollu huwa kliem li jidħol fil-kuntest tal-imħabba u l-ħniena.

Kliem Alla b'fomm il-profeta Ħosegħa, il-profeta tal-imħabba ttraduta jikkonferma dan kollu:

"*Għalhekk, araw, jiena se niġbidha, neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem... Hemmhekk hi twieġeb bħal fi żmien żgħożitha, bħal fi żmien ħruġha minn art l-Eġittu. U jiġri f'dak il-jum, li hi ssejjaħli: 'Żewġi'; lili ma ssejjaħlix 'Sidi', iżjed....Għal dejjem ngħarrsek miegħi, ngħarrsek miegħi fis-sewwa u fil-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena, b'rabta fidila jiena ngħarrsek miegħi, u inti tagħraf il-Mulej*" (Hosegħa 2:16-19; 21-22).

Alla jsir is-Sid, ir-Ragħaj waħdieni tal-poplu tiegħu, li għalhekk jindokra b'qalbu u bis-sħiħ il-poplu tiegħu huwa u jwiegħdu mill-ġdid l-art imwiegħda, l-art tal-imħabba, kif ħabbar l-istess profeta Eżekjel:

"*Ara, hawn jien, se nfittex in-ngħaġ tiegħi u nieħu ħsiebhom...noħroġhom minn qalb il-popli, niġborhom mill-artijiet, u nġibhom lejn arthom. U nirgħahom fuq il-muntanji ta' Israel... għad nirgħahom f'mergħat bnina, u fuq l-iġbla għolja ta' Israel tkun il-mergħa tagħhom. Hemm jinxteħtu f'mergħa bnina, u jimirħu f'art tajba fuq il-muntanji ta' Israel. Jiena stess nirgħa n-ngħaġ tiegħi u jiena mmiddhom...jiena nfittex il-mitlufin, inreġġa' lura*



*l-imxerrdin, ninfaxxa l-ġrieħi tal-miġruħin, u nqawwi l-morda. Inħares is-smien u l-qawwijin, u nirgħahom bil-ġustizzja*" (Eżek 34:11-16).

Għalina li nemmnu f'Ġesù, il-qalb ta' dan ir-ragħaj, il-qalb ta' Alla, qalb ta' mħabba issir laħam!

*"U l-Iben ta' Alla sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u bil-verità...Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla li hu fi ħdan il-Missier*" (Ġw 1:14. 18).

Jekk Ġesù huwa il-wiċċ tal-ħniena tal-Missier huwa anke l-isbaħ u l-ikbar espressjoni tal-Qalb ta' Alla,

*"... qalb għanja fil-ħniena, qalb li tagħder u tħenn, qalb kbira biex tagħdab u kbira fit-tjieba u l-fedeltà*" (ara Efes 2:4; Eż 34:6).

Mhux ta' b'xejn li l-Papa Franġisku, fil-Bulla tal-Indizzjoni tas-Sena Ġubilari, fin-numru 8 kien stqarr:

*"Fih kollox jitkellem dwar il-ħniena. M'hemm xejn fiH li m'għandux ħniena!"*

*"Quddiem il-kotra ta' nies li kienet timxi warajh, meta ra li kienu għajjenin u mitluqin, mitlufin u bla ħadd min imexxihom, Ġesù ħassu jitqanqal minn qiegħ qalbu għalihom (ara Mt 9:36). B'din l-imħabba kollha ħniena hu fejjaq il-morda li kienu jressqulu quddiemu (ara Mt 14:14), u bi ftit ħobż u ħutiet tema' ġmiegħi kbar (ara Mt 15:37). Dak li lil Ġesù kien imexxih fiċ-ċirkustanzi kollha ma kienx ħlief il-ħniena, li biha kien jaqra fil-qlub ta' min kien ikollu quddiemu u jwieġeb għall-aktar bżonn veru tagħhom. Meta ltaqa' mal-armla ta' Najm li kienet qed twassal lill-iben il-waħdieni tagħha lejn il-qabar, tqanqal bil-kbir għal dak l-uġigħ immens tal-omm li kienet qed tibki, u taha lura lil binha billi qajmu mill-mewt (Lq 7:15). Wara li ħeles lill-imxajtan ta' Ġerasa, jafdalu din il-missjoni: "Mur inġabar id-dar ma' niesek, u għidilhom kulma għamel miegħek il-Mulej, u kif ħenn għalik" (Mk 5:19)... Fil-parabboli ddedikati lill-ħniena, Ġesù juri n-natura ta' Alla bħala dak ta' Missier li qatt ma jgħodd ruħu mirbuħ sakemm ma jkunx xejjen id-dnub u għeleb ir-rifjut, bil-kompassjoni u l-ħniena*" (MV 9).

Il-Vanġelu tas-Solennità ta' din is-sena juri kif inhi magħmula l-qalb ta' Ġesù:

*"Min hu dak fostkom li jkollu mitt nagħġa u jitlef waħda minnhom, u ma jħallix id-disgħa u disgħin l-oħra fid-deżert biex imur wara l-mitlufa sa ma jsibha? U meta jsibha, jifraħ biha u jerfagħha fuq spallejh, imur id-dar, isejjaħ għandu 'l ħbiebu u l-ġirien, u jgħidilhom, 'Ifirħu miegħi, għax-sibt in-nagħġa li kienet intilfitli*" (Lq 15:4-6).

*"U nroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollha tagħkom; mill-idoli kollha tagħkom insaffikom. U nagħtikom qalb ġdida, u ruħ*



*ġdida nqiegħed ġo fikom;*
*u nneħħi minn ġisimkom*
*il-qalb tal-ġebel u nagħtikom*
*qalb tal-laħam flokha".*

Il-qalb ta' Ġesù, espressjoni għolja tal-imħabba u l-ħniena tiegħu, hija qalb li tingħata għalina u titrasformana!

*"Jiena r-ragħaj it-tajjeb; jiena nagħraf in-ngħaġ tiegħi, u n-ngħaġ tiegħi jagħrfu lili, bħalma l-Missier jagħraf lili u jiena nagħraf lill-Missier; u għan-ngħaġ tiegħi nagħti ħajti...Għalhekk iħobbni l-Missier, għax jien nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha. Ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minn rajja"* (Ġw 10:14-15. 17-18).

Fil-fatt din hija *"l-imħabba ta' Alla li ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu li kien mogħti lilna"*, jistqarr fl-istess Liturġija tas-Solennità Pawlu (Rum 5:5-11):

*"Meta kien il-waqt, u aħna konna bla saħħa, Kristu miet għal dawk li kienu bla Alla. Wieħed bilkemm imut għal bniedem ġust, għad li wieħed għandu mnejn jagħmel il-qalb u jmut għal wieħed tajjeb. Iżda Alla wera mħabbtu lejna meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin...permezz tiegħu issa ksibna l-ħbiberija ma' Alla".*

Il-Qalb ta' Ġesù tingħata għalina! Tiġi minfuda għalina, biex minna jnixxi d-demm u l-ilma, demm u ilma li jaħsluna bl-Ispirtu ta' Alla, li joħloq fina qalb ġdida, ruħ ġdida, l-istess Qalb ta' Ġesù fina!

*"Iżda meta waslu għal Ġesù, billi raw li kien ġa mejjet, ma kissrulux riġlejh. Madankollu wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu b'lanza, u minnufih ħareġ demm u ilma. Dan qiegħed jixhdu min ra b'għajnejh u x-xhieda tiegħu hija minnha. Hu jaf li qiegħed jgħid il-verità, biex intom ukoll temmnu. Għax dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid, 'Ebda waħda minn għadmu ma jkissrulu.' U hekk ukoll kitba oħra li tgħid, 'Huma għad iħarsu lejn min nifdu.'* (Ġw 19:33-37).

Nikkontemplaw din il-Qalb minfuda għalina u mogħtija għalina, nikkontemplawha bil-kliem ta' qima u tifħir tal-Appostlu Pawlu f'Efesin 3:14-19:

*"Jiena ninżel għarkupptejja quddiem il-Missier li minnu tieħu isimha kull familja fis-sema u fl-art, biex skont l-għana tal-glorja tiegħu, jagħtikom li bil-qawwa tiegħu permezz tal-Ispirtu tiegħu, tissaħħu fil-bniedem ta' ħewwa, u li Kristu jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi, biex tniżżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom. B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, l-għoli u l-fond tal-imħabba ta' Kristu; tagħrfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla".*

*"U nroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollhu tagħkom; mill-idoli kollha tagħkom insaffikom. U nagħtikom qalb ġdida, u ruħ ġdida nqiegħed ġo fikom; u nneħħi minn ġisimkom il-qalb tal-ġebel u nagħtikom qalb tal-laħam flokha".*

B'qalb ġdida, bil-qalb ta' Kristu, nistgħu nilqgħu l-istedina tal-Papa Franġisku misjuba fl-istess Bulla tal-Inidizzjoni tas-Sena tal-Ħniena (MV 15). B'qalb ġdida, il-qalb ta' Kristu fina, aħna msejħin nagħmlu l-esperjenza li nifitħu qalbna għal dawk kollha li qed jgħixu fl-iżjed periferiji eżistenzjali differenti li jeżistu. B'din il-qalb ġdida fina, imsejħin nisimgħu l-karba ta' dawk li b'għrieħi miftuħa, leħinhom huwa mitfi minħabba l-indifferenza fil-kultura tal-lum. Bl-istess qalb ġdida mistiedna nfejqu l-ġrieħi, indewwuhom biż-żejt tal-faraġ, ninfaxxawhom bil-ħniena u nfejqu bis-solidarjetà u l-attenzjoni. Mistednin nifitħu għajnejna biex naraw il-miżerji tal-aħwa, nisimgħu l-karba għall-għajnuna li toħroġ mill-qalb tagħhom u noffru qalb li toħloq is-sħana tal-ħbiberija u l-fraternità. B'qalb ġdida, bil-qalb ta' Kristu, imħeġġin biex nitlaqqmu fil-ħidma tal-opri tal-ħniena korporali u spiritwali.

# ĠESU JFEJJAQ LIL OMM IL-MARA TA' XMUN (MK 1:29-34)



***Fr Martin Micallef OFMCap***

Wara r-rakkont tas-sejħa tal-ewwel dixxipli, San Mark jagħtina ġurnata li tinawgura l-ministeru ta' Ġesù (Mk 1:21-39). Din il-ġurnata tibda f'jum is-Sibt filgħodu permezz ta' miraklu li bih Ġesù jfejjaq raġel maħkum minn spirtu ħażin fis-sinagoga (v.21).[1] Il-ġurnata titkompla bil-fejqan ta' omm il-mara ta' Xmun. Fi nżul ix-xemx, imbagħad, inkomplu naqraw kif in-nies bdew jieħdu l-morda quddiem Ġesù sabiex ifejjaqhom (v.32). Huwa biss fil-v.35 li San Mark jindika l-bidu ta' jum ieħor.

Il-kuntest ta' dan il-jum jinkludi l-ewwel, is-sinagoga; imbagħad id-dar; u wara post mwarrab jew deżert. Nistgħu ngħidu għalhekk li hemm dialettika pubblika u privata f'dan il-moviment ta' Ġesù fejn dak tal-ewwel, jiġifieri, id-dehra pubblika ta' Ġesù, toħloq pressjoni fuq tat-tieni, jiġifieri fuq il-ħajja privata tiegħu.[2]

F'dan l-artiklu sejrin nikkonċentraw fuq il-qalba ta' dan il-jum ta' Ġesù, jiġifieri fuq dak li jiġri fid-dar ta' Xmun u Indrì, meta Ġesù fejjaq lil omm il-mara ta' Xmun. Se nħarsu lejn l-elementi li jiffurmaw dan l-episodju qasir li nsibu fil-bidu nett tal-ministeru ta' Ġesù sabiex b'hekk inkunu nistgħu napprezzaw aktar it-teoloġija tal-Evanġelista San Mark ippreżentata lilna f'forma ta' narrattiva.

## Fid-dar ta' Xmun u Indrì

L-episodju li nsibu f'Mk 1:29-34 jibda b'nota li fiha l-Evanġelista jinfurmana li hekk kif Ġesù temm dak li kellu jagħmel fis-sinagoga ta' Kafarnahum f'jum is-Sibt, "Ħarġu mis-sinagoga u baqa' sejjer ma' Ġakbu u Ġwanni għand Xmun u Indrì" (v.29). Ġesù, mela, jinsab fil-preżenza tal-ewwel erba' dixxipli li huwa kien għadu kemm sejjaħ sabiex jimxu warajh.[3] Dawn l-erba' dixxipli jerġgħu jidhru flimkien f'Mk 13:3 fil-bidu tad-diskors eskatoloġiku ta' Ġesù, filwaqt li Pietru, Ġakbu u Ġwanni jissemmew flimkien f'5:37 fl-episodju tal-miraklu tal-qawmien tat-tifla ta' Ġajru, fl-episodju tat-Trasfigurazzjoni (9:2) u fl-episodju tal-agunija ta' Ġesù fil-ġnien (14:33).

Il-fatt li San Mark jinfurmana li Ġesù mar "għand Xmun u Indrì", jiġifieri, fid-dar tagħhom, toħloq ftit tal-problema. Dan minħabba li fi Ġw 1:44 naqraw li Pietru u Indrì kienu minn Betsajda u mhux minn Kafarnahum. Xi studjużi jippruvaw jagħtu tweġiba għal din il-problema billi ssuġġerew li minħabba li Xmun u ħuh Indrì kienu sajjieda, huma faċilment setgħu kellhom aktar minn dar waħda. Studjużi oħrajn iżommu li wara li Pietru iżżewweġ, seta' mar joqgħod f'Kafarnahum. Diffiċli nkunu nafu dan.[4] Dak li l-aktar hu ovvju huwa, li mis-sinagoga ta' Kafarnahum għad-dar ta' Pietru ma jidhirx li kien hemm wisq bogħod. Tal-inqas din hija l-impressjoni li jagħtina San Mark meta fil-bidu ta' dan ir-rakkont





jinfurmana hekk: "Ħarġu mis-sinagoga u baqa' sejjer ma' Ġakbu u Ġwanni għand Xmun u Indrì" (1:29).

Hawnhekk it-traduzzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija* tħalli barra kelma importanti fit-test Grieg. Il-kelma bil-Grieg hija *euthus* li tfisser 'minnufih' jew 'bla telf ta' żmien.' Fl-ewwel Kapitlu ta' San Mark, din il-kelma tintuża tmien darbiet: f'Mk 1:10 naqraw: "U minnufih hu u tiela' mill-ilma ra s-smewwiet jinfetħu"; f'1:12 "Imbagħad minnufih l-Ispirtu ħarġu fid-deżert"; f'1:18 "U minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh"; f'1:20 "U minnufih sejħilhom"; f'1:21 "Minnufih, f'jum is-Sibt, daħal fis-sinagoga u qagħad jgħallem"; f'1:23 "U minnufih ikun hemm fis-sinagoga tagħhom raġel bi spirtu ħażin"; f'1:29 "Minnufih malli ħareġ mis-sinagoga"; u f'1:30 "omm il-mara ta' Xmun kienet fis-sodda bid-deni, u minnufih qalulu biha."

L-użu tal-kelma 'minnufih' f'dan l-ewwel Kapitlu ta' San Mark jagħti sens ta' urġenza f'dak li jkun qed jiġi rrakkuntat. L-użu ripetut ta' din l-istess kelma juri wkoll sens ta' progress mgħaġġel fl-episodji li nsibu fil-bidu nett tal-ministeru ta' Ġesù. Fil-każ tagħna, donnu kien hemm ċerta urġenza sabiex mis-sinagoga, Ġesù akkumpanjat mill-ewwel erba' dixxipli, 'minnufih' imur fid-dar ta' Xmun u Indrì.[5]

Id-dar [bil-Grieg: *oikian*] hija tema importanti f'San Mark u tissemma tant drabi bħala l-post fejn Ġesù jkompli jiltaqa' mad-dixxipli weħidhom. Per eżempju, f'Mk 7:17 naqraw: "Meta ħalla n-nies u daħal *id-dar*, id-dixxipli tiegħu staqsewh fuq il-parabbola"; f'Mk 9:28 naqraw: "Meta mbagħad Ġesù raġa' daħal *id-dar*, id-dixxipli tiegħu staqsewh rasu u rashom: "Għaliex ma rnexxilniex inkeċċuh?"; f'Mk 9:33 naqraw: "Waslu Kafarnahum, u meta kienu *d-dar* staqsihom: 'X'kontu qegħdin titħaddtu bejnietkom fit-triq?"; f'Mk 10:10 naqraw: "Xħin daħlu *d-dar* id-dixxipli reġgħu staqsewh fuq dan, u hu qalilhom..."

Xi studjużi huma tal-fehma li dawn ir-referenzi kollha 'għad-dar' f'San Mark imorru lura għas-silta tagħna, u allura xi studjużi identifikaw din id-dar li tissemma, mad-dar ta' Xmun u Indrì f'Kafarnahum li tissemma f'dan l-episodju fil-bidu tal-ħajja pubblika ta' Ġesù. Iżda dan ma jidhirx li hu l-fatt. Ir-referenza għad-dar fis-siltiet l-oħra tidher li hija motiv miżjud mill-Evanġelista San Mark bħala mod kif jitkellem fuq laqgħat privati li Ġesù kien ikollu mad-dixxipli meta

kienu jħallu l-folla.[6] Fid-'dar' id-dixxipli weħidhom setgħu jistaqsu lil Ġesù jew jiġu mistoqsija minn Ġesù (9:33).

## Omm il-mara ta' Xmun

Wara d-dettalji li mis-Sinagoga ta' Kafarnahum jeħduna fid-dar ta' Xmun u Indrì, naqraw: "Issa omm il-mara ta' Xmun kienet fis-sodda bid-deni, u malajr qalulu biha" (1:30). Hawnhekk tissemma biss omm il-mara ta' Xmun imma mhux il-mara ta' Xmun. Ninnutaw li din il-mara hija msemmija bla isem: karatteristika tipika ta' San Mark li biha jippreżenta n-nisa nvoluti f'erba' episodji ta' fejqan: jiġifieri fl-episodju ta' omm il-mara ta' Xmun (1:29-31); tal-mara bit-tnixxiegħa tad-demm (5:25-34); tat-tifla ta' Ġajru (5:21-24.35-43); u tat-tifla tal-mara Sirofeniċja (7:24-30).

Lanqas ma nsibu referenza għar-raġel ta' omm il-mara ta' Xmun. Dan in-nuqqas jista' jimplika li din il-mara kienet armla, għaliex in-nisa ħafna drabi kienu jiġu identifikati permezz ta' isem ir-raġel tagħhom. Mhemmx lanqas referenza għal bint il-mara, jiġifieri, għall-mara ta' Xmun, li lanqas isimha ma jgħidilna x'kien l-Evanġelista.

Li nafu fuq din il-mara nafuh minn referenza qasira li nsibu f'1 Korintin 9:5 fejn tissemma l-mara ta' Xmun bħala dik li kienet takkumpanjah fil-vjaġġi missjunarju tiegħu. Hekk naqraw f'din l-Ittra: "Ma għandniex id-dritt li jkollna mara nisranija magħna bħall-appostli l-oħra u l-aħwa tal-Mulej u Kefa?" Il-fatt li f'dan l-episodju tissemma omm il-mara ta' Xmun jurina li skont San Mark, Pietru kien diġà miżżewweġ meta Ġesù sejjaħlu sabiex jimxi warajh. Klement ta' Lixandra jinfurmana li kien jaf saħansitra li l-mara ta' Pietru mietet martri.[7]



Il-fejqan ta' omm il-mara ta' Xmun, huwa l-ewwel fis-serje ta' tmien narrativi ta' fejqan, li nsibu fl-Evanġelju skont San Mark. L-ewwel, għandna dan il-miraklu ta' omm il-mara ta' Xmun (1:29-31). It-tieni, il-fejqan ta' raġel lebbruż (1:44-45). It-tielet, il-fejqan ta' raġel mifluġ li niżżluh mis-saqaf (2:1-12). Ir-raba', il-fejqan ta' raġel b'idu niexfa (3:1-5). Il-ħames, il-fejqan tal-mara bit-tnixxiegħa tad-demm (5:24-34). Is-sitta, il-fejqan tar-raġel trux u mbikkem (7:31-37). Is-seba', il-fejqan tar-raġel agħma f'Betsajda (8:22-26). It-tmienja, il-fejqan tal-għama ta' Ġeriko (10:46-52).[8]

Tajjeb ninnutaw ukoll li hemm xebh kbir bejn l-episodju tal-fejqan ta' omm il-mara ta' Xmun mal-episodju tal-qawmien tat-tifla ta' Ġajru: it-tnejn iseħħu f'dar (1:29; 5:39); fiż-żewġ episodji Ġesù jaqbad lill-mara u lit-tifla minn idejhom (1:31; 5:41); u f'kull każ l-ikel jiġi servut (1:31 b'mod impliċitu; 5:43 b'mod espliċitu).

## Qabadha minn idha

L-Evanġelista San Mark jirrakkonta l-miraklu permezz ta' vers wieħed biss, il-vers 31, fejn naqraw hekk: "Resaq lejha, qabadha minn idha u qajjimha. U d-deni ħalliha, u bdiet isservihom."

L-ewwel dettal li nsibu f'dan il-vers u li tajjeb nieqfu fuqu huwa l-fatt li Ġesù 'resaq' lejn din il-mara marida. Dan il-verb, bil-Grieg: *proselthon*, jintuża spiss f'San Mattew, fil-fatt jintuża 51 darba, filwaqt li San Mark jużah biss erba' darbiet.[9] Fil-każ tagħna, din hija l-unika darba li s-suġġett ta' dan il-verb huwa Ġesù nnifsu li resaq lejn din il-mara.

It-tieni verb li jintuża fil-v.31 huwa '*qabadha* minn idha.' Fl-Evanġelju skont San Mark insibu serje ta' mirakli li fihom Ġesù jagħmel kuntatt fiżiku mal-persuna marida. Biex nagħtu xi eżempji nsemmu 1:41, "Ġesù medd idu fuqu [il-lebbruż], *messu* u qallu: 'Irrid, kun imnaddaf.'" F'5:23 nsibu kif Ġajru jitlob lil Ġesù: "Binti ż-żgħira waslet fl-aħħar; ejja *qiegħed idejk fuqha*, ħalli tfiq u tgħix." Aktar tard naqraw kif Ġesù "*qabdilha* idha, u qalilha: 'Talitha, qum!' jiġifieri, 'Tfajla, qiegħed ngħidlek qum" (v.41). F'7:32 naqraw "u ġabulu wieħed, trux u mbikkem, u talbuh iqegħedlu idu fuqu." Imbagħad Ġesù "*daħħal* subgħajh f'widnejh, u *messlu* lsienu bir-riq tiegħu" (v.33). F'8:22 naqraw: "Waslu Betsajda, u ħadulu quddiemu raġel agħma u talbuh imissu." Lil dan, Ġesù "ħadu barra mir-raħal,



bieżaqlu f'għajnejh, *qiegħed idejh fuqu* u staqsih: 'qiegħed tara xi ħaġa?'" (v.23). Lit-tifel li kellu fih xitan, wara li x-xitan iħabbtu ħafna u jħallih kważi mejjet, naqraw kif Ġesù "*qabdu minn idu* u qajmu, u hu waqaf fuq saqajh" (9:27).

Hekk ukoll naqraw episodji li fihom huwa l-marid li tinbet fih jew fiha x-xewqa li jmissu lil Ġesù. Hekk, per eżempju, f'5:28 il-mara li kienet ilha tbati bit-tnixxiegħa tad-demm tgħid: "jekk *immiss* imqar il-mantar tiegħu nkun imfejqa." Hekk ukoll f'6:56 naqraw: "Kull fejn kien jidħol, fi rħula, bliet, jew kampanja, kienu jqiegħdu l-morda fil-pjazez u jitolbuh iħallihom *imissu* mqar tarf il-mantar; u dawk kollha li kienu *jmissuh* kienu jfiequ."

Hekk ukoll, mela, f'dan ir-rakkont ta' omm il-mara ta' Xmun, naqraw kif Ġesù "qabadha minn idha u qajjimha." Ir-regoli tar-Rabbini Lhud ma kinux jippermettu li min iżur lill-marid joqgħod bilqiegħda fuq is-sodda jew fuq is-siġġu; minflok huwa kellu jibqa' bil-wieqfa jew inkella joqgħod fuq l-art.[10] Imma hemm xi ħaġa aktar minn hekk: Rabbi rispettat ma kienx se jaqbad mara minn idejha. Għalkemm hemm eżempji ta' Rabbi li jieħdu l-id ta' raġel ieħor u jfejqu b'mod mirakuluż, m'għandniex eżempji ta' Rabbi li jagħmel hekk ma' mara u wisq aktar f'Jum is-Sibt![11]

## U bdiet isservihom

It-tielet verb li jissemma fil-vers 31 huwa "u qajjimha." Dak li hu interessanti hawnhekk huwa li l-verb 'qajjimha' , bil-Grieg: *egeiren*, huwa verb użat spiss minn San Mark fir-rakkonti ta' fejqan. Hekk, per eżempju, lir-raġel li niżżluh mis-saqaf, Ġesù jgħidlu: "*Qum*, u aqbad friexek u mur lejn darek" (2:11); lir-raġel b'idu niexfa, Ġesù jgħidlu: "*Qum*, ejja fin-nofs" (3:3); u lill-għama ta' Ġeriko, in-nies qalulu: "Agħmel il-qalb! *Qum*, qiegħed isejjaħlek" (10:49).

Ir-reazzjoni tal-mara għal dak li Ġesù għamel magħha kienet li "qamet isservihom", bil-Grieg: *diakonei autois*. San Mark juża l-verb 'taqdi' fil-bidu u fl-aħħar tal-Evanġelju tiegħu permezz ta' episodji li fihom insibu preżenza femminili. Fil-bidu tal-Evanġelju għandna lil omm il-mara ta' Xmun, li kif Ġesù fejjaqha, "bdiet isservihom" (1:31). Fl-aħħar tal-Evanġelju, imbagħad, naqraw kif taħt is-salib ta' Ġesù "kien hemm ukoll xi nisa jħarsu mill-bogħod … dawn, meta Ġesù kien fil-Galilija kienu jimxu warajh u *jaqduh*, bil-Grieg: *diekonoun auto* (15:40-41).

Ir-referenza għad-*diakonia* min-naħa tan-nisa fil-bidu u fit-tmiem tan-narrativa tal-Evanġelju, flimkien mar-rabtiet li din il-kelma għandha ma' Ġesù stess, jagħmel minn omm il-mara ta' Xmun mudell ta' dixxipulat, speċjalment dixxipli nisa. Fil-fatt, għalkemm il-verb *diakoneo* diġà ntuża minn San Mark fl-episodju qasir tat-tentazzjonijiet ta' Ġesù fid-deżert fejn naqraw li lil Ġesù "kienu jaqduh, bil-Grieg: *diekonoun*, l-anġli (1:13), omm il-mara ta' Xmun hija ppreżentata bħala l-ewwel mara li ssir tixbah lil Ġesu, li ġie biex jaqdi u mhux biex ikun moqdi (ara Mk 10:45).

L-użu ta' dan il-verb, mela, jurina li dan il-miraklu m'għandux biss funzjoni Kristoloġika, jiġifieri sempliċiment biex jurina min hu Ġesù. Dan il-miraklu jservi wkoll bħala nota qawwija ta' xi tfisser tkun dixxiplu ta' Ġesù.

## Fi nżul ix-xemx

Is-silta mbagħad tkompli b'dak li ġara "filgħaxija, fi nżul ix-xemx" (v.32). Mill-mod kif il-Lhud kienu jgħoddu l-jum, il-jum kien jibda ma' nżul ix-xemx.[12] Għalhekk is-Sibt kien jibda minn inżul ix-xemx tal-Ġimgħa u jintemm fi nżul ix-xemx tas-Sibt.

Ninnutaw l-espressjoni doppja 'filgħaxija, fi nżul ix-xemx", fejn it-tieni referenza tagħmel l-ewwel waħda aktar speċifika. Din hija xi ħaġa tipika f'San Mark, fejn juża żewġ espressjonijiet wara xulxin li jfissru l-istess.

Ir-referenza hija waħda importanti għaliex fi nżul ix-xemx, is-Sibt kien jintemm. Miegħu kienu jintemmu wkoll ir-restrizzjonijiet dwar ix-xogħol, movimenti u trasport. In-nies, mela bħal donnhom baqgħu jistennew inżul ix-xemx sabiex iġibu l-morda quddiem Ġesù, għaliex il-liġijiet tas-Sibt kienu jipprojbixxu li wieħed iġorr lil xi ħadd.[13]

Hija sabiħa ħafna x-xena ta' dak li jiġri fi nżul ix-xemx meta "ħadulu quddiemu lil dawk kollha li kienu morda jew li kienu maħkuma mix-xitan." Il-verb "ħadulu quddiemu", bil-Grieg: *epheron,* fit-test Grieg huwa użat fl-imperfett. B'dan il-mod, l-Evanġelista San Mark ried jurina li din ma kinetx xi azzjoni ta' darba imma pjuttost azzjoni kontinwa. Dan ifisser li hawnhekk għandna xena ta' nies ġejjin quddiem Ġesù jġibu l-morda u jerġgħu lura sabiex iġibu aktar morda.

"U quddiem il-bieb inġabret il-belt bi ħġarha. U fejjaq ħafna morda minn kull xorta ta' mard, u ħareġ għadd kbir ta' xjaten li hu ma kienx iħallihom jitkellmu, għax huma kienu jafu min kien" (vv.33-34). Hemm nota kważi ta' esaġerazzjoni fil-ġabra fil-qosor tal-attività ta' Ġesù f'dawn il-versi: "ħadulu quddiemu lil *dawk kollha* li kienu morda jew li kienu maħkuma mix-xitan", "il-belt *kollha*." L-impatt tal-azzjonijiet ta' Ġesù huma enfasizzati bl-użu ta' frażijiet li jinkludu lil kulħadd: "il-morda *kollha* ... il-belt *kollha* u fejjaq *ħafna* morda minn *kull xorta* ta' mard."

Jidher li mhux b'kumbinazzjoni li San Mark jenfasizza l-fatt li l-ewwel żewġ mirakli ta' Ġesù, jiġifieri, l-eżorċiżmu fis-Sinagoga, segwit mill-miraklu ta' fejqan ta' omm il-mara ta' Xmun, iseħħu f'Jum is-Sibt. B'dan il-mod, Ġesù jiġi ppreżentat bħala figura kontroversjali mill-bidu nett tan-narrativa ta' dan l-Evanġelju, għalkemm il-kontroversji fuq Jum is-Sibt ma jqumx qabel 2:23-3:6.

Is-Sibt kien simbolu tas-serħan eskatoloġiku jew *shalom* li Alla kellu jagħti lill-poplu tiegħu. Għalhekk il-fatt li Ġesù beda l-ħidma tiegħu ta' fejqan f'jum is-Sibt jurina li dak li għamel kien



intenzjonat sabiex iġib dan is-Serħan tas-Sibt finali, żmien meta l-ħolqien jiġi meħlus mhux biss mit-tbatija tad-dinja iżda wkoll mill-mard u l-mewt ukoll.[14] Ix-xenarju fi tmiem il-jum mela jipprovdi ġabra fil-qosor tal-attività li Ġesù kien wettaq s'issa.

## Referenzi

1 Hemm erba' rakkonti ta' eżorċiżmi f'San Mark, anke jekk fil-fatt il-kelma eżorċiżmu ma tissemma qatt f'dan l-Evanġelju: f'Mk 1:21-28 għandna r-raġel bi spirtu mniġġes fis-sinagoga ta' Kafarnahum; f'1:34 naqraw kif Ġesù ħareġ għadd kbir ta' xjaten minn kull xorta ta' mard; f'5:1-20 għandna l-imxajtan ta' Gerasa; f'7:24-30 niltaqgħu mal-mara Sirofeniċja li marret għand Ġesù titolbu sabiex ifejjaq lil bintha li kellha fiha xitan;f'9:14-29 għandna t-tifel maħkum bi spirtu mniġġes. Għandna wkoll ġabra fil-qosor tal-ministeru ta' Ġesù f'1:39 fejn naqraw kif "Ġesù dar il-Galilija kollha, jippriedka fis-sinagogi tagħhom u joħroġ ix-xjaten." Fil-fatt, San Mark huwa l-uniku Evanġelista li jippreżenta miraklu ta' eżorċiżmu bħala l-ewwel miraklu ta' Ġesù hekk kif huwa beda l-ħajja pubblika tiegħu wara li kien sejjaħ lid-dixxipli sabiex jimxu warajh.

2 Fuq dan il-punt u l-movimenti ta' Ġesù f'dan il-jum ara, Ben Witherington III, *The Gospel of Mark: A Socio-Rhetorical Commentary* (Eerdmans: Grand Rapids/MI, 2001), 97.

3 Minkejja li San Mattew (Mt 8:14) u San Luqa (Lq 4:38) jagħtuna wkoll dan l-istess rakkont f'kuntest differenti, huma jħallu barra l-ismijiet tad-dixxipli li kienu ma' Ġesù f'din l-okkażjoni.

4 Ara Robert A. Guelich, *Mark 1-8:26 Word Biblical Commentary 34A* (Word Books: Dallas, 1989), 62.

5 L-arkeoloġija kixfet dawk li aktarx huma l-fdalijiet ta' din id-dar qrib is-sinagoga ta' Kafarnahum, taħt il-fdalijiet ta' knisja antika li kienet inbniet fuq dan il-post. Id-dar tikkonsisti f'numru ta' kmamar żgħar mibnija fuq il-blat, imdawrin minn bitħa miftuħa. Ara Mary Healy, *The Gospel of Mark: Catholic Commentary on Sacred Scripture* (Eerdmans: Grand Rapids/MI, 2008), 49.

6 Ara Guelich, *Mark 1-8:26*, 62.

7 *Strom.* 7,11,63. Ara Benoit Standaert, *Marco Vangelo di una notte vangelo per la vita: Commentario* (Edizione Dehoniane: Bologna, 2012), 129.

8 Ir-rakkonti tal-mirakli ta' Ġesù f'San Mark, jiġifieri, rakkonti ta' eżorċiżmi, fejqan, qawmien mill-mewt, mirakli fuq in-natura, jokkupaw 200 versi (aktar mir-rakkonti tal-passjoni), u jiffurmaw prattikament nofs l-Evanġelju qabel id-daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm. Minkejja dan, il-mirakli jilagħbu parti żgħira fit-tieni parti tal-Evanġelju, jiġifieri minn wara l-istqarrija ta' Pietru f'Ċesarija ta' Filippu fil-Kapitlu 8. L-uniċi mirakli wara 8:22-26 insibuhom f'9:14-29, jiġifieri, il-miraklu tat-tifel li kellu fih xitan, u l-miraklu tal-għama ta' Ġeriko f'10:46-52, u l-miraklu tas-saħta fuq is-siġra tat-tin f'11:1-14.

9 Ara Standaert, *Marco Vangelo di una notte vangelo per la vita,* 130.

10 Ara William L. Lane, *The Gospel of Mark: The New International Commentary on the New Testament* (Eerdmans: Grand Rapids/MI, 1974), 77.

11 Ara d-diskussjoni Rabbinika fuq dan is-suġġett f'Francis J. Moloney, *The Gospel of Mark: A Commentary* (Hendrickson: Peabody, 2002), 55.

12 Ara Ġen 1:5; Lev 23:32.

13 Ara Ġer 17:24.

14 Sfortunatament dak li Ġesù għamel f'jum is-Sibt deher bħala ksur tal-liġi tas-Sibt. Din ir-reazzjoni għall-mirkali ta' Ġesù f'jum is-Sibt turi kif dawk li ħaduha kontrih ma fehmu xejn mit-tifsira vera tas-Sibt, kif lanqas ma fehmu li fosthom issa kien hemm Sid is-Sibt.



# IR-RESTAWR TAL-EDIKOLA TAL-QABAR TA' KRISTU

*Noel Muscat ofm*

## Għaliex hemm bżonn li tiġi rrestawrata l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu

It-Tlieta 22 ta' Marzu saret ċerimonja qasira quddiem l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm. Waqt din iċ-ċerimonja deher il-Patrijarka Grieg Ortodoss Theophilos III imdawwar mill-Kustodju tal-Art Imqaddsa, dak iż-żmien P. Pierbattista Pizzaballa ofm (illum Arċisqof u Amministratur Apostoliku tal-Patrijarkat Latin

ta' Ġerusalemm) u mill-Patrijarka Armen Ortodoss Nourhan Manougian. Magħhom kien hemm it-tliet superjuri rispettivi tat-tliet komunitajiet li jamministraw il-Bażilika, u l-Professoressa Antonia Moropoulou, l-inkarigata min-*National Technical University of Athens* (NTUA), li ħadet ħsieb tippreżenta r-riżultati tal-istudju multidixxiplinari li sar ftit xhur qabel fuq l-Edikola. Dan l-istudju kien ġie konkluż wara qbil mill-komunitajiet rispettivi biex jirrestawraw din l-Edikola, li tinsab fi stat prekarju ħafna, u kien ġie ppreżentat uffiċjalment f'Ateni quddiem l-awtoritajiet konċernati u r-rappreżentanti tal-Gvern Grieg.

Matul din iċ-ċerimonja l-Patrijarka Theophilos tkellem dwar il-proġett tar-restawr tal-Edikola tal-Qabar ta' Kristu li issa beda u għaddej fil-fażi normali tiegħu. Il-professoressa Moropoulou evidenzjat id-difetti strutturali tal-binja tal-Edikola, li bdew diġà miż-żmien li fih kienet ġiet restawrata mill-arkitett Grieg Nikolaos Komenos ta' Militene fis-sena 1810, wara li l-Edikola u l-Bażilika sofrew ħsarat kbar waqt il-ħruq li ħakem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fil-lejl tat-12 ta' Ottubru 1808. Hi uriet li hemm xi fatturi li qed jikkontribwixxu b'mod drastiku biex din il-binja tal-Edikola ssir dejjem aktar fraġli. Qabelxejn hemm il-fatt li l-Bażilika hi ffrekwentata minn eluf ta' pellegrini u turisti. In-nifsijiet u s-sħanat tax-xemgħat li jaqbdu maġenb ħafna tal-blokki tal-irħam tal-Edikola jikkontribwixxu biex dawn jibdew jinqalgħu mill-materjal ta' tikħil li hemm taħthom, kawża tal-umdità kbira li tiġi prodotta mis-sħana u l-preżenza ta' eluf ta' persuni. L-istudju termografiku tan-naħa tan-nofsinhar tal-Edikola wera li l-użu tax-xemgħa, li taqbad biss ftit ċentimetri bogħod mill-irħam, u ġie li wkoll il-fjammi jmissu l-istess irħam, joħolqu pressjoni termika qawwija fuq l-irħam. Dan il-proċess, flimkien mad-dħaħen li jġibu magħhom ġabra ta' depożiti suwed u żejtnija, jaċċelera l-proċess ta' ossidazzjoni u jirvina l-wiċċ arkitettoniku tal-Edikola, li f'xi punti, tidher



*Il-ħofra li hemm fuq il-Qabar ta' Kristu*

li qabżet 'il barra, u donnha qed tiżżaqqaq taħt l-istess piż enormi tagħha.

Il-Patrijarka Grieg Ortodoss spjega li x-xogħlijiet ta' restawr kellhom jibdew immedjatament wara l-Għid Ortodoss (1 ta' Mejju 2016) u jkomplu sejrin almenu sal-bidu tas-sena 2017. Ix-xogħol ta' restawr qed isir fil-Bażilika stess, billi l-Patrijiet Franġiskani offrew il-gallerija tagħhom fuq l-Arki tal-Verġni bħala laboratorju li fuqu jittella' l-irħam biex jiġi studjat, imnaddaf u restawrat. Jinqala' l-irħam blokka wara l-oħra, biex hekk l-Edikola tibqa' dejjem wieqfa u l-pellegrini u t-turisti jkunu jistgħu jibqgħu jżuruha bl-għajnuna ta' impalkaturi ta' sigurtà li twaħħlu mad-dawra tal-Edikola u permezz ta' impalkatura tal-ħadid li tistrieħ mal-faċċata tal-Edikola, u li n-nies jgħaddu minn taħtha biex jidħlu ġewwa l-istess Edikola. Hemm diversi esperti mill-Università ta' Atene, li magħhom jiżdiedu esperti oħrajn mill-komunitajiet l-oħrajn li jamministraw il-Bażilika, fosthom il-professuri Osama Hamdam u Carla Benelli, u l-professur arkeologu P. Eugenio Alliata ofm tal-i*Studium Biblicum Franciscanum*, li tqabbdu mill-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Ta' min jgħid li l-Patrijiet Franġiskani diġà kienu kkummissjonaw studju xjentifiku u sismoloġiku tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu xi ftit tas-snin ilu. Dan l-istudju, li hu ppubblikat, sar minn esperti tal-Università ta' Firenze, bi qbil mal-Komunità Griega Ortodossa u Armena Ortodossa. Fid-diskors qasir li għamel, il-Patrijarka Theophilos insista li, matul it-tmien xhur previsti biex fihom isir ix-xogħol ta' restawr fuq l-Edikola, l-pellegrini u t-turisti se jkunu jistgħu jibqgħu jżuru l-Edikola u d-diversi komunitajiet ekkleżjali preżenti fil-Bażilika jkunu jistgħu jiċċelebraw il-funzjonijiet reliġjużi tagħhom b'mod regolari.

Il-ftehim li laħqu t-tliet komunitajiet li jamministraw il-Bażilika hu li għandu jsir xogħol ta' restawr ta' konservazzjoni tal-istruttura li diġà teżisti. L-Edikola se tiżżarma biċċa, biċċa, u terġa' tinbena identika għal kif inhi llum. Se jinbidlu u jsiru ġodda biss dawk


*Xogħol fuq l-edikola*

il-partijiet tagħha li huma fraġli jew irvinati ħafna. Il-blokok tal-irħam li huma fi stat tajjeb ta' konservazzjoni se jitnaddfu, u se tiġi kkonsolidata l-istruttura li hemm taħthom. Il-proġett kollu, li hu maħsub li se jaqbeż 3 miljun Ewro, se jiġi ffinanzjat b'mod ugwali mit-tliet komunitajiet Griega Ortodossa, Kattolika-Latina (Franġiskana) u Armena Ortodossa, bl-għajnuna wkoll ta' donazzjonijiet mir-re Abdallah tal-Ġordanja, mill-gvern tal-Greċja u mill-World Monuments Fund.

## Storja qasira tal-Edikola tal-Qabar ta' Kristu

L-Edikola attwali nbniet fl-1809-1810, wara l-ħruq kbir tal-1808, li kien ħoloq ħsarat kbar f'diversi partijiet tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. L-arkitett tal-Edikola kien Nikolaos Komnenos minn Militene (Lesbos), li kien jaħdem Kostantinopli. Li għamel Komnenos, li ismu hu mfakkar ġewwa l-Edikola, kien li kesa l-fdalijiet tal-Edikola li kien hemm (u li mhux veru li kienet ġiet meqruda minnirien) b'folji kbar tar-rħam u għolliha biex ħadet forma ta' Edikola b'koppla fuqha fi stil Tork-Ottoman.

Issa ta' min jiftakar li sal-1868 il-koppla tar-rotunda jew Anástasis, kienet għadha miftuħa għall-arja aperta għax kellha *oculus*, u għalhekk l-ilma tax-xita kien jinżel fuq l-Edikola. Dan kien ifisser li l-ilma kien jinfiltra bejn il-materjal tat-tikħil u l-blokki tar-rħam, u dawn maż-żmien bdew jinqalgħu 'l barra. Kien hemm ukoll il-problema li l-Edikola ta' Komnenos kienet aktar għolja minn dik li kien hemm qabilha, u l-piż enormi tagħha kien il-kawża li bdiet tiżżaqqaq u ċċedi.

L-Edikola attwali għandha 206 sena. Interessanti, iżda, li jidher li Nikolaos Komnenos ma kellux l-intenzjoni li jibniha mill-ġdid, imma biss li jgħatti l-Edikola li kien hemm qabilha. Billi hu ġie mqabbad mill-Patrijarkat Grieg Ortodoss, li kien rebaħ il-permess li jirrestawra l-Bażilika mill-awtoritajiet Torok Ottomani, li tagħhom kien suġġett, hu ġie mitlub biex jgħatti għalkollox l-Edikola li kien hemm qabel, dik li kienu bnew il-Franġiskani fl-1555 fi żmien il-Kustodju Bonifacio di Ragusa, magħruf ukoll bħala Bonifacio di Šton jew di Dubrovnik, għax kien Kroat.

L-istoriku tal-Kustodja, P. Girolamo Golubovich, jagħtina deskrizzjoni interessanti dwar il-mument li fih Bonifacio di Ragusa fetaħ il-Qabar ta' Kristu qabel ma bena l-Edikola tal-1555:

"Meta l-Patri twajjeb daħal fil-Qabar Imqaddes fis-27 ta' Awwissu tal-1555, hu ordna li titneħħa l-folja ta' alabastru li kienet tgħatti l-Qabar ta' Kristu. Kif hu stess jafferma fit-trattat *De perenni cultu Terrae Sanctae*, hu sab dik il-Blata wisq qaddisa fil-postijiet li fihom kienet imqiegħda r-ras, il-ġenb u r-riġlejn tal-Feddej tagħna, sab id-Demm tiegħu imħallat mal-mirra u l-aloe. Hu ħadu f'idejh u b'devozzjoni u abbundanza ta' dmugħ beda jbusu, u bl-umiltà u l-qima qiegħdu f'reċipjent tal-fidda. Ma nafx jekk żammux għandu, inkella jekk ippreżentahx lil xi Prinċep nisrani, billi dan ma għadux jinsab f'dik il-Belt Qaddisa (Ġerusalemm) u ma sibt l-ebda aħbar oħra dwaru. Hu kesa dak il-Qabar l-aktar prezzjuż b'irħam mill-aktar fin, u qiegħed fuqu mensola kbira tar-rħam, kollha sħiħa, sabiex it-Torok ma jmorrux jivvintaw xi mod bil-qerq ta' moħħhom biex jaqsmuha jew ikissruha, u hekk jisirquha għax kienu jarawha sabiħa. Hu żejjen minn ġewwa u minn barra dak il-Qabar Imqaddsa bl-aħjar mod li seta'. Żejnu wkoll b'koppla żgħira (li bnieha fuqu, kemm bħala ornament, kif ukoll biex jiddefendih mix-xita li tinżel mill-*oculus* tal-koppla kbira). Din kienet maħduma bi tnax-il kolonna tar-rħam, u friż maħdum fl-injam u miksi biċ-ċomb, u bejn il-kolonni kienu mdendlin xi lampieri tal-kristall mill-aktar fin. Nefaq għal din il-koppletta u għat-tiżjin tal-Qabar ta' Kristu 192 żekkini" (Minn: *Croniche o Annali di Terra Santa* del P. Verniero




di Montepeloso, in G. Golubovich, *Biblioteca Bio-Bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano*, Nuova Serie - Documenti, Tomo VI: Croniche o Annali di Terra Santa del P. Pietro Verniero di Montepeloso, Quaracchi 1939, 168).

## Id-diversi Edikoli matul is-sekli

Il-Qabar ta' Kristu kien imħaffer fil-ġenb ta' għolja barra l-ħitan ta' Ġerusalemm, li fi żmien Ġesù kienet barriera ta' blat imsejjaħ *malaky*, blat artab u bajdani, li ma kinetx għadha maħduma. Diversi persuni kienu ħaffru oqbra f'din il-barriera (jew "ġnien" skont San Ġwann 19,41), li parti minnha, li kienet qisha għolja ċkejkna maqtugħa għaliha, kienet tissejjaħ Golgota (Kalvarju) u fuqha kienu jiġu ġġustizzjati u msallbin il-kriminali u l-iskjavi.

Fis-sena 135 il-Ġnien tar-Risurrezzjoni u l-Qabar ġew mirdumin taħt il-*Forum* tal-belt ta' *Aelia Capitolina* mibnija mill-Imperatur Adrijanu, u fuqhom ittella' tempju lil alla Venus-Afrodite. Qrib is-sena 324 l-Imperatur Kostantinu talab lill-Isqof Makarios ta' Ġerusalemm biex ifittex il-Qabar ta' Kristu. Elena, omm Kosantinu, sabet ir-relikwi tas-salib imqaddes u l-arkitetti Biżantini ta' Kostantinu bnew il-Bażilika. Madwar il-koppla tal-Anástasis huma qatgħu l-blat biex ħallew il-Qabar ta' Kristu bħala blokka fin-nofs. B'hekk saret l-ewwel Edikola, miksija bi rħam u tiżjin prezzjuż. Din ġiet meqruda mill-Persjani fis-sena 614, u mill-ġdid inqerdet għalkollox fl-1009 bl-ordni tal-Kaliff Fatimita Al-Hakim. Fl-1014 inbniet Edikola li sofriet ukoll bosta ħsarat, sakemm kif rajna l-Edikola ġiet mibnija mill-Franġiskani fl-1555, taħt il-Kustodjat ta' Bonifacio di Ragusa. Din l-Edikola kienet mibnija fuq stil gotiku. Fil-ħruq li ħakem il-Bażilika fl-1808 din l-Edikola ma ġġarfitx, imma l-Griegi Ortodossi, li rebħu l-permess biex jirrestawraw il-Bażilika, sostnew li ma kinetx b'saħħitha u reġgħu bidluha fl-Edikola ta' Nikolaos Komnenos li naraw illum.

Għal diversi ġenerazzjonijiet l-istudjużi qablu li Komnenos, fil-fatt, ma qeridx l-Edikola ta' Bonifacio di Ragusa, imma ksiha bl-irħam u għolliha, b'mod li minn barra kabbarha. Imma l-Edikola ta' Bonifacio di Ragusa għadha hemm, taħt il-folji tar-rħam, u fil-fatt il-ġebel tagħha jidher ċar waqt il-fażi tar-restawr. Fuq ix-xaqliba tat-tramuntana, proprju fejn hemm il-Qabar ta' Kristu, infetħu arkati li fihom jidhru l-ġebel tal-Edikola Franġiskana, u saret ukoll ħofra li fiha instab il-blat ħaj u oriġinali li jagħmel parti mill-għar li fih oriġinarjament kien imħaffer il-Qabar ta' Kristu. Il-fatt li l-Edikola kienet Franġiskana għal bosta sekli hu ppruvat

ukoll mill-kwadru ta' Kristu rxuxtat li hemm fil-faċċata, li fuqu hemm l-istemma Franġiskana, u mill-fatt li fil-faċċata fuq ġewwa hemm kwadru ta' San Franġisk jirċievi l-istimmati. Meta l-Griegi reġgħu bnew l-Edikola, għalkemm ippruvaw jaħbu dak kollu li kien hemm qabel, il-Franġiskani insistew li l-i*Status Quo* irid jibqa' mħares, u sal-lum hemm il-provi li l-Edikola ta' Komnenos, fil-fatt, ma hi xejn aktar għajr il-qoxra ta' barra tal-Edikola Franġiskana ta' Bonifacio di Ragusa.

## Il-ħsarat tal-Edikola u t-tiswija tagħhom

F'din il-fażi ta' restawr diġà bdew jidhru s-sinjali ċari tal-ħsarat li trabbew matul is-snin u li jridu jiġu msewwija. L-Edikola ta' Komnenos inbniet fuq struttura instabbli. It-terremot qawwi tal-11 ta' Lulju 1927 li ħakem il-Palestina u ħoloq danni kbar fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu kompla għarraq is-sitwazzjoni tal-Edikola. Din kienet irreżistiet għall-iskossa tellurika ta' 6.2 fuq l-iSkala Richter. L-unika ħsara kbira kienet dik tal-koppla fuq il-Katholikón tal-Griegi Ortodossi, li kienet ixxaqqet. Billi l-Palestina kienet taħt il-Mandat Ingliż, l-inġiniera tad-*Department of Public Works* tħabtu għal xahrejn biex l-Awtoritajiet reliġjużi jagħtuhom il-permess li jispezzjonaw il-Bażilika u l-Edikola. Imma billi l-Knejjes responsabbli ma waslux għal ftehim, ma seta' jsir l-ebda restawr fil-Bażilika. Terremot ieħor fl-1934 kompla hedded il-binja. Allura l-awtorijiet Ingliżi ippuntellaw il-Bażilika u l-Edikola b'ħafna impalkaturi tal-ħadid. Minn Marzu 1947 l-Edikola ġiet magħluqa f'gaġġa tal-ħadid biex ma tinfetaħx iżjed, u billi fl-1948 l-Ingilterra ċaħdet għall-Mandat fuq il-Palestina, kollox waqaf hemm. Sal-lum fuq dan il-ħadid wieħed għadu jista' jara l-isem *Steel Company of Bengal*. Naturalment dan il-ħadid issa jrid jitneħħa malli l-Edikola tiġi rrestawrata. Fis-snin ta' wara t-tliet Komunitajiet għamlu ftehim biex jirrestawraw flimkien il-koppla tal-Anástasis, u x-xogħlijiet komplew sal-1996 meta tneħħa l-ħadid kollu. Imma l-Edikola baqgħet magħluqa ġol-gaġġa li kienet fiha u ħadd ma messha.

L-istorja l-aktar reċenti, li tagħha kont jiena xhud personali, seħħet f'dawn l-aħħar snin. Fis-17 ta' Frar 2015, għal ebda raġuni spjegabbli, l-pulizija Israeljana, li għandha f'idejha s-sigurtà pubblika tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, iddeċidiet li tagħlaq l-Edikola għax kienet "perikoluża". Din l-azzjoni ġiet komunikata lil *Israeli Antiquities Authority*. Qamet kwestjoni taħraq, bi protesti qawwija tal-Patrijarka Grieg Ortodoss Theophilos III u tar-rappreżentanti Franġiskan u Armen, li esiġew li dak in-nhar stess il-pulizija kellha terġa' tiftaħ l-Edikola għall-pubbliku.

Sadanittant, iżda, din l-azzjoni arbitarja u invażiva tal-pulizija u tal-*Israeli Antiquities Authority*, li ma għandhom l-ebda dritt li jintervjenu fil-Bażilika għax din mhix proprjetà tal-iStat ta' Israel imma tat-tliet Knejjes li jamminstrawha (l-istess Stat ta' Israel, niftakru, hu forza okkupanti f'Ġerusalemm tal-Lvant, jiġifieri fil-Belt il-Qadima fejn hemm il-Bażilika), wasslet lill-Komunitajiet biex jiċċaqilqu b'urġenza ħalli jirrestawraw l-Edikola, li għalkemm mhix perikoluża, kif qalu l-pulizija, imma għandha bżonn dawra sewwa. Wara l-istudji li kienu saru mill-Università ta' Firenze, il-Griegi (li għandhom il-preċedenza fl-i*Status Quo* u li ċertament ma jridux li tinbidel l-istruttura tal-Edikola ta' Nikolaos Komnenos, li għamlu huma), talbu lill-Università Teknika ta' Ateni biex tagħmel studju xjentifiku u tlesti l-proġett tar-restawr. Il-qbil tat-tliet Komunitajiet għal din l-inizjattiva wassal biex dak li qatt ma sar qabel fl-aħħar, minħabba l-emerġenza li nqalgħet, issa qed isir realtà.




# Pellegrinaġġi Franġiskani 2016

## Art Imqaddsa *Extra*
6 - 16 Novembru

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat**
**tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


